# Strateġija 2030

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

Ikkummissjonata mill-
**Kunsill Malti għall-Arti**

Miktuba minn
**Prof. Valerie Visanich u Daniel Azzopardi**

Il-Maniġment Eżekuttiv
**Dr Luke Dalli – Chairman Eżekuttiv**
**Eric Fenech Sevasta – Uffiċjal Kap Operattiv**
**Daniel Azzopardi – Direttur tal-Istrateġija**
**Rita Falzon – Direttriċi tal-Finanzjament**
**Gilmore Mercieca – Direttur tal-Finanzi**
**Annabelle Stivala – Kap Eżekuttiv tar-Relazzjonijiet u l-Avvenimenti Kulturali Internazzjonali**
**Maria Angela Vassallo – Kap tal-Komunikazzjoni**
**Lyona Xuereb – Kap tat-Taqsima tal-Films Lokali**

It-Tim tal-Istrateġija
**Nicole Borg**
**Glen Calleja**
**Dr Simone Inguanez**
**Dr Nikki Petroni**
**Ġorġ Vella**
**Dr Karsten Xuereb**

Konsulenti dwar ir-Riċerka u l-Politika
**Toni Attard, Adrian Debattista, Elaine Falzon u PKF Malta Limited**

Kontributuri mill-Partijiet Ikkonċernati
**Rappreżentanti mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali, organizzazzjonijiet artistiċi u kulturali, prattikanti indipendenti, gruppi komunitarji, entitajiet privati u aġenziji pubbliċi.**

Fotografija
**Elisa von Brockdorff**

Disinn u Tqassim
**tribe.**

ISBN
**978-9918-9602-0-0**

Napprezzaw mill-qalb il-persunal kollu u l-Bord tal-KMA, kif ukoll l-individwi u l-organizzazzjonijiet li kkontribwew mill-ħin u l-għarfien ġenerali u espert tagħhom matul l-iżvilupp ta' din l-istrateġija. L-involviment, ir-riflessjoni kritika u l-impenn għat-tkabbir kontinwu tas-settur kienu imprezzabbli.

© Kunsill Malti għall-Arti. 2026. Id-drittijiet kollha riżervati.

STRATEĠIJA 2030

# Strateġija 2030

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

6 **Kelmtejn Qabel**
Dr Owen Bonnici – Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Dr Luke Dalli – Chairman Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Arti
Daniel Azzopardi – Direttur tal-Istrateġija, Kunsill Malti għall-Arti

1

9 **Il-Viżjoni u l-Missjoni Tagħna**

10 **Sommarju Eżekuttiv**
L-Irwol Tagħna bħala Kunsill Malti għall-Arti
Il-Funzjonijiet tal- Kunsill Malti għall-Arti

12 **Il-Prinċipji Gwida**

13 **Il-Partijiet Ikkonċernati**
Il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Ministeri b'Interess fl-Arti u l-Kultura
Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi
Entitajiet Pubbliċi b'Interess fl-Arti u l-Kultura
Prattikanti u Organizzazzjonijiet Kulturali u Kreattivi
Il-Komunitajiet
Kollaborazzjonijiet Nongovernattivi
Sħubijiet Akkademiċi
Koperazzjoni mas-Settur Privat
Sħab u Networks Internazzjonali

2

17 **L-Isfond u l-Kuntest**
Allinjament mal-Għanijiet Nazzjonali u Ewropej

20 **Nivvalorizzaw il-Passjoni. Insaħħu l-Professjoni.**

## Il-Funzjonijiet


24 L-Investiment Pubbliku
28 Żvilupp u Appoġġ
30 Riċerka
32 Promozzjoni
34 Kollaborazzjoni


3

## Oqsma Strateġiċi


37 Prattiċi Ġusti
39 Komunità u Inklużjoni
42 Benesseri
44 Skambju Internazzjonali


4

## Azzjonijiet Strateġiċi


48 Prattiċi Ġusti
52 Komunità u Inklużjoni
55 Benesseri
57 Skambju Internazzjonali
59 Faċilitaturi Operattivi


5

# Kelmtejn Qabel

Malta għażlet li tpoġġi l-kultura u l-arti fil-qalba tal-iżvilupp nazzjonali fit-tul. L-Istrateġija 2030 tittraduċi din id-direzzjoni f'politika prattika.

Mingħajr l-istabbiltà li toffri l-fiduċja pubblika, l-artisti u l-organizzazzjonijiet isibuha diffiċli jippjanaw jew isostnu xogħolhom. Min-naħa l-oħra, l-appoġġ fit-tul jagħti lit-talent iż-żmien biex jimmatura, iħalli l-organizzazzjonijiet jikbru u jgħin l-industriji kreattivi jikkompetu fi stadju internazzjonali.

Din l-Istrateġija ġdida tiżvolġi f'kuntest li fih il-kultura ma toperax fi ħdan qafas wieħed. Il-ħsieb kreattiv jagħni l-klassijiet fl-iskejjel u jsaħħaħ l-edukazzjoni. Ħafna drabi, l-esperimentazzjoni artistika tixpruna l-innovazzjoni. Il-kuxjenza ambjentali u t-teknoloġija diġitali jiltaqgħu regolarment mal-attività kulturali, u l-istess jagħmel l-iżvilupp komunitarju. L-Istrateġija 2030 tirrifletti l-etos ta' Viżjoni Malta 2050 u tinkoraġġixxi kordinazzjoni eqreb bejn partijiet differenti tal-Gvern, b'ħolqien ta' rabtiet li jistgħu jwasslu għal ambizzjonijiet nazzjonali usa'.

Din l-istrateġija ġdida tipprovdi d-direzzjoni tagħna għas-snin li ġejjin. Waħda mill-isfidi li naffaċċjaw hija kemm is-setturi kulturali jevolvu malajr, l-aktar minħabba l-bidla b'rata mgħaġġla fit-teknoloġiji u l-preferenzi tal-udjenzi. Imma l-politika pubblika għandha tibqa' soda, waqt li tħalli spazju għall-ħruġ ta' ideat ġodda. L-Istrateġija 2030 tidentifika prijoritajiet għal investiment, governanza u parteċipazzjoni, imma xorta tħalli spazju għall-esperimentazzjoni u t-tkabbir.

**Il-ġejjieni ta' dan ix-xogħol huwa f'idejn dawk kollha li jsostnu l-ħajja kulturali ta' Malta.**

Minn artisti għal maniġers kulturali, edukaturi, volontiera, sħab mis-settur privat u l-udjenzi, dawn kollha jikkontribwixxu għall-qawwa tas-settur. Huma dawn li jibqgħu jsawru l-pajsaġġ kulturali ta' Malta, jiddefinixxu l-karattru ta' Malta waqt li jibnu ġejjieni kreattiv sostenibbli. L-Istrateġija 2030 tibni fuq dan is-sies u tħares 'il quddiem b'kunfidenza.



**Dr Owen Bonnici**
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali

L-Istrateġija 2030 hija tarġa importanti fl-evoluzzjoni kontinwa tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. Dan il-qafas, waqt li jibni fuq il-progress miksub minn ċikli strateġiċi preċedenti, jirrifletti snin ta' governanza msaħħa, mekkaniżmi ta' sostenn imwessgħa u impenn dejjem jikber għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur.

Fl-aħħar snin, il-Kunsill Malti għall-Arti ħadem biex isaħħaħ il-kapaċità analitika tiegħu, japprofondixxi l-involviment tiegħu mal-partijiet ikkonċernati u biex jirfina l-oqfsa ta' finanzjament u sostenn tiegħu. Dawn l-isforzi wasslu lill-Kunsill biex jirrispondi għar-realtajiet u l-ħtiġijiet tal-artisti, il-professjonisti u l-organizzazzjonijiet kulturali b'mod aktar effikaċi, waqt li jiżgura li l-investiment pubbliku fil-kultura jibqa' trasparenti, responsabbli, u effettiv.

Fil-qalba ta' din l-istrateġija hemm qbil, daqskemm sempliċi, kruċjali, li l-passjoni artistika u l-professjonalizzazzjoni jridu jaħdmu id f'id.

**Il-passjoni hija l-forza li tixpruna l-kreattività u l-espressjoni artistika, waqt li l-istrutturi professjonali jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eċċellenza, is-sostenibbiltà u t-tkabbir.**

L-Istrateġija 2030 tirrikonoxxi dawn iż-żewġ elementi bħala reċiproċi għal xulxin u flimkien jirrinforzaw u jservu ta' sies għal ekosistema kulturali reżiljenti u li tħares 'il quddiem.

Dan il-qafas strateġiku huwa mibni fuq tliet pilastri: l-iżvilupp professjonali, id-dritt għall- kultura u l-internazzjonalizzazzjoni. Dawn il-pilastri jiggwidaw il-prijoritajiet tal-Kunsill u jissarrfu f'serje ta' azzjonijiet konkreti mfassla biex isaħħu s-settur b'modi prattiċi u li jistgħu jitkejlu. Din l-istrateġija tistabbilixxi 55 azzjoni strateġika li jirriflettu kemm il-ħtiġijiet identifikati permezz tar-riċerka u l-konsultazzjoni kif ukoll l-opportunitajiet li jeżistu għas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

Din l-istrateġija tirrifletti wkoll l-iżvilupp kontinwu tal-Kunsill bħala mexxej fit-tfassil tal-politika mgħarraf mir-riċerka u minn konsultazzjonijiet. Permezz tad-djalogu mal-prattikanti, l-organizzazzjonijiet, l-edukaturi u l-isħab, il-Kunsill Malti għall-Arti jibqa' impenjat li jsawwar politiki li huma msejsa fuq l-evidenza, inklużivi u li jwieġbu għar-realtajiet dejjem jevolvu tal-pajsaġġ kulturali.

Element kruċjali ta' din il-viżjoni huwa t-tisħiħ tal-preżenza kulturali ta' Malta internazzjonalment. Permezz ta' ingaġġar, opportunitajiet ta' mobbiltà u sħubijiet strateġiċi sostnuti, l-Istrateġija 2030 tfittex li tiftaħ lill-artisti u l-organizzazzjonijiet kulturali Maltin għal networks kulturali usa', biex b'hekk ikunu jistgħu joħolqu konnessjonijiet, jikkollaboraw u jikbru lil hinn mill-konfini lokali.

Fl-istess ħin, l-Istrateġija tibqa' tpoġġi fuq quddiem kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli għall-prattikanti kulturali. F'dan ir-rigward, żviluppi riċenti fiskali, fosthom l-estensjoni tal-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli taħt il-klassifikazzjonijiet aġġornati tan-NACE marbuta ma' skema ta' rata ta' taxxa mnaqqsa għal attivitajiet artistiċi, jirrappreżentaw pass importanti fir-rikonoxximent tad-diversità tal-professjonijiet kreattivi u jwittu mogħdijiet professjonali aktar sostenibbli fi ħdan is-settur.

L-Istrateġija 2030 tikkonsolida dawn is-sisien waqt li tpoġġi lill-Kunsill f'pożizzjoni li jista' jwieġeb għall-opportunitajiet u l-isfidi emerġenti. Tirrinforza kultura ta' kura, professjonaliżmu u responsabbiltà etika fis-settur, waqt li tafferma mill-ġdid l-irwol kruċjali li l-arti u l-kultura għandhom fit-tiswir tal-benesseri, it-tisħiħ tal-komunitajiet u l-kontribut li jagħtu għall-identità Maltija u l-preżenza kulturali internazzjonali.

Waqt li nħarsu 'l quddiem għas-snin li ġejjin, din l-istrateġija tipprovdi direzzjoni ċara għal azzjoni kollettiva. Tistieden lill-artisti, l-organizzazzjonijiet kulturali, dawk li jfasslu l-politika u l-komunità usa' biex jaħdmu flimkien ħalli jsaħħu l-ekosistema kulturali għal Malta reżiljenti, inklużiva u li tħares 'il quddiem.



**Dr Luke Dalli**
Chairman Eżekuttiv,
Kunsill Malti għall-Arti

**L-Istrateġija 2030 mhix sempliċiment dokument ieħor għall-arkivji, iżda tistabbilixxi direzzjoni komuni għat-tiswir tal-futur tas-setturi artistiċi u kreattivi ta' Malta, f'mument kruċjali għall-pajsaġġ kulturali tal-pajjiż.**

F'dawn l-aħħar snin, l-artisti u l-organizzazzjonijiet Maltin saħħew il-preżenza tagħhom internazzjonalment filwaqt li baqgħu jrawmu attività artistika lokali vibranti. Minn inizjattivi indipendenti għal pjattaformi nazzjonali, il-kunfidenza mġedda qed issawwar l-espressjoni kontemporanja u tinfluwenza aktar il-mod kif nifhmu l-identità, il-benesseri u l-futur kollettiv tagħna.

Bħala gżira b'wirt għani u ekosistema kreattiva dinamika, Malta tokkupa post distint fil-pajsaġġ Ewro-Mediterranju. Il-prattikanti qed jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv ma' udjenzi u networks internazzjonali, filwaqt li għeruqhom jibqgħu fil-komunitajiet u t-tradizzjonijiet li jiffurmaw it-tessut kulturali tagħna. Dan id-djalogu bejn l-esperjenza lokali u l-iskambju globali jagħni lis-settur u jwessa' l-opportunitajiet għas-suq kreattiv. F'dan l-isfond, l-Istrateġija 2030 tirrikonoxxi l-passjoni u l-impenn li jsostnu l-attività artistika f'Malta u Għawdex. Ħafna inizjattivi jibdew minn livell komunitarju, mibnija fuq volontarjat, kurżità u sens qawwi ta' appartenenza. Il-passjoni u l-professjonaliżmu mhumiex żewġ forzi f'kunflitt. Ħafna drabi jiżviluppaw b'mod parallel, u meta jirnexxu, jikkumplimentaw lil xulxin. Bit-tisħiħ tas-sisien tal-politika u bl-ixprunar ta' prattiċi sodi fl-industrija, l-istrateġija tfittex li toħloq kundizzjonijiet li bihom id-dedikazzjoni kreattiva tista' ssostni mogħdijiet professjonali vijabbli, trawwem il-fiduċja u l-eċċellenza, u tippermetti xogħol li jħalli impatt fit-tul.

Fi żmien ikkaratterizzat minn tibdil ġeopolitiku kontinwu, l-arti għandha rwol ewlieni li jmur lil hinn mill-produzzjoni kreattiva. Għal Malta, li tinsab f'salib it-toroq tar-reġjun Ewro-Mediterranju, l-iskambju artistiku huwa mezz ta' djalogu, fehim u koperazzjoni. Il-kultura u l-arti jistgħu jaġixxu bħala pontijiet bejn soċjetajiet differenti u katalisti għal impenn diplomatiku u bidla pożittiva.

Fil-qalba tal-viżjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti hemm tliet pilastri li jiggwidaw id-direzzjoni u l-ambizzjoni ta' din l-istrateġija: l-iżvilupp professjonali, id-dritt għall-kultura u l-internazzjonalizzazzjoni. Dawn jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' għajnuna għal karrieri sostenibbli, jaffermaw il-parteċipazzjoni fl-arti bħala kruċjali fil-ħajja ċivika u soċjali, u jsaħħu l-preżenza ta' Malta fuq livell internazzjonali. Fl-istess ħin, jenfasizzaw l-importanza li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali fil-prattika artistika, inkluż il-libertà tal-espressjoni u d-dritt għal parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja kulturali.

L-Istrateġija 2030 hija implimentata permezz ta' erba' oqsma strateġiċi li jsejsu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet tagħha. Il-prattiċi ġusti jippromwovu t-trasparenza, il-ħlas ġust u kundizzjonijiet tax-xogħol stabbli. Il-komunitajiet u l-inklużjoni jiżguraw parteċipazzjoni li tirrifletti d-diversità tas-soċjetà Maltija u li l-kultura tibqa' aċċessibbli bejn reġjuni u demografiji differenti. Il-benesseri jenfasizza l-irwol tal-parteċipazzjoni artistika fit-tisħiħ tar-rabtiet soċjali, tal-kreattività u tal-kwalità tal-ħajja. L-iskambju internazzjonali jwessa' l-opportunitajiet għall-mobbiltà u l-kollaborazzjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-involviment ta' Malta lil hinn minn xtutha.

Dan kollu huwa sostnut minn faċilitaturi organizzattivi li jsaħħu l-irwol tal-Kunsill permezz ta' investiment pubbliku, żvilupp u appoġġ, promozzjoni, riċerka u kollaborazzjoni. Permezz ta' dan l-approċċ, l-istrateġija tissarraf f'55 azzjoni konkreta, sostnuta minn direzzjonijiet ċari, monitoraġġ u rapportar pubbliku regolari, biex jiġi żgurat progress, viżibbiltà u akkontabbiltà kondiviża.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-politika waħedha ma tistax issostni l-prattika artistika. Fil-qalba ta' din il-viżjoni hemm l-esperjenzi mgħixa tal-artisti, l-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet, li bl-immaġinazzjoni u l-impenn tagħhom jagħtu l-ħajja lix-xogħol kreattiv. L-Istrateġija 2030 tirrikonoxxi dawn ir-realtajiet u tfittex li ssaħħaħ il-kundizzjonijiet li bihom is-setturi artistiċi u kreattivi f'Malta jistgħu jkomplu jsawru l-preżent, filwaqt li jqiegħdu sisien sodi għall-ġejjieni.



**Daniel Azzopardi**
Direttur tal-Istrateġija,
Kunsill Malti għall-Arti

## Il-Viżjoni Tagħna

# Nivvalorizzaw il-passjoni. Insaħħu l-professjoni.

## Il-Missjoni Tagħna

Aħna rridu nkabbru kemm nistgħu s-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta billi nrawmu l-kreattività, inwieżnu karrieri sostenibbli u nippromwovu l-irwol kruċjali li l-arti u l-kultura għandhom għall-benesseri fuq livell individwali u kollettiv.

B'għeruqna fir-realtajiet kulturali ta' Malta, u fl-istess ħin imsawra minn prospetti internazzjonali, irridu nrawmu żvilupp kontinwu ta' ħiliet, skambji sinifikanti, u ekosistema reżiljenti u inklużiva li twessa' l-parteċipazzjoni u tiżgura aċċess ekwu għall-arti u l-kultura lil kulħadd.

# Sommarju Eżekuttiv

L-Istrateġija 2030 hija qafas orjentat lejn l-azzjoni li tistabbilixxi viżjoni ċara, direzzjoni strateġika u prijoritizzazzjoni tal-oqsma li l-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) għandu jintervjeni fihom bejn l-2026 u l-2030. Din l-istrateġija hija gwida dinamika u prattika biex issaħħaħ l-industriji kulturali u kreattivi ta' Malta. Għandha l-għan li sservi kemm bħala dokument ta' politika li jiggwida kif ukoll bħala katalista għal kollaborazzjoni kkordinata bejn setturi differenti fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin.

L-Istrateġija 2030 tal-KMA hija kkuntestwalizzata f'kuntesti nazzjonali u internazzjonali, u tallinja ruħha ma' politiki u oqfsa strateġiċi relevanti tal-Ġnus Magħquda, l-Unjoni Ewropea u Malta. Fl-istess ħin, tirrifletti r-realtajiet soċjoekonomiċi u kulturali ta' Malta tal-lum. Il-qafas jibni fuq iċ-ċiklu strateġiku preċedenti u huwa wkoll imsejjes minn riċerka mmirata lejn il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, l-infrastruttura kulturali u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' finanzjament.

Il-metodoloġija tal-bini tal-istrateġija kienet fin-natura tagħha parteċipatorja, u involviet firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex tiżgura li l-vuċijiet tagħhom ikunu inkorporati b'mod sinifikanti. Dan il-proċess fittex li jifhem diversi perspettivi fuq l-aktar sfidi urġenti, il-punti b'saħħithom eżistenti, il-ħtiġijiet għal żvilupp, u l-bidliet meħtieġa. Flimkien, dawn l-approċċi jipprovdu profil strutturali tal-pajsaġġ kulturali ta' bħalissa, u għarfien aktar profond tal-aġenzija, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet tal-prattikanti kulturali.

### Mir-riċerka, ġew identifikati tliet pilastri strateġiċi: l-iżvilupp professjonali, id-drittijiet kulturali, u l-internazzjonalizzazzjoni.

Dawn il-pilastri huma l-pedament għal **55 azzjoni strateġika**, imfassla biex jiggwidaw il-fażi tat-twettiq, fosthom it-twaqqif tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs). Dan il-proċess għandu jiġi mwaħħad ma' konsultazzjoni kontinwa matul iż-żmien tal-istrateġija, biex jiżgura allinjament kontinwu ma' żviluppi emerġenti u ċaqliqiet settorjali.

F'din l-istrateġija, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) hija meqjusa bħala infrastruttura li ssaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali, b'fokus ċar fuq l-ottimizzazzjoni amministrattiva u t-titjib fil-ħiliet. L-IA, meta tnaqqas piżijiet burokratiċi, tippermetti lill-prattikanti jikkonċentraw fuq ix-xogħol ewlieni u strateġiku, waqt li ssaħħaħ kompetenzi diġitali, ta' data, u organizzattivi. Dan l-approċċ, imsejjes fuq standards ċari ta' governanza etika, jintegra l-IA fi ħdan oqfsa eżistenti ta' governanza u operat. Permezz ta'

dan, l-IA twieżen l-iżvilupp ta' ekosistema kulturali aktar reżiljenti, effiċjenti u b'ħila li tirrinforza aktar milli ddgħajjef il-prattika kreattiva.

L-artisti, il-prattikanti kreattivi, l-organizzazzjonijiet kulturali, min ifassal il-politika, l-edukaturi u l-finanzjaturi huma mħeġġa jużaw dan id-dokument bħala pedament għat-teħid tad-deċiżjonijiet u azzjoni kollettiva msejsa fuq ir-riċerka. Dan l-approċċ parteċipatorju għandu jiżgura li l-industriji u s-setturi kulturali u kreattivi jkomplu jirnexxu, jispiraw u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal soċjetà aktar inklużiva, reżiljenti u kreattiva.

## L-Irwol Tagħna bħala Kunsill Malti għall-Arti

Il-KMA huwa l-korp nazzjonali għall-iżvilupp u l-investiment fl-industriji kulturali u kreattivi. L-għanijiet ewlenin tiegħu huma li jippromwovi, jemanċipa, u jgħin lill-industriji kulturali u kreattivi ta' Malta.

L-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti jwaqqaf il-personalità legali tal-Kunsill. L-Att jiddeskrivi kif l-irwol tal-KMA huwa li jsaħħaħ u jħeġġeġ is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta fuq livell nazzjonali u internazzjonali, permezz ta' diversi forom ta' espressjonijiet artistiċi, u li jwessa' l-aċċess pubbliku għall-arti u l-kultura. Hawn isfel qed nipprovdu sommarju tal-funzjonijiet tal-KMA, kif definiti fl-Att XV tal-2015.

## Il-Funzjonijiet tal-Kunsill Malti għall-Arti

Skont l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, il-funzjonijiet tal-KMA huma li:

**1** Jirrappreżenta l-interessi tas-setturi kulturali u kreattivi u jiggwida lill-Gvern dwar l-iżvilupp ta' politika kulturali, waqt li wkoll jipprovdi riżorsi għall-kordinazzjoni mill-Gvern ċentrali u lokali biex isaħħaħ kollaborazzjoni transsettorjali. Barra minn hekk, il-KMA jgħin fin-negozjar u l-iffirmar ta' trattati, konvenzjonijiet, jew ftehimiet bilaterali, multilaterali jew internazzjonali kif ukoll iwettaq il-pjanijiet ta' azzjoni mmirati biex jilħqu l-għanijiet imwaqqfa mill-Gvern jew il-Kunsill.

**2** Iwieżen lis-setturi kulturali u kreattivi billi jieħu l-irwol ta' punt ta' kuntatt ċentrali għas-servizzi marbuta mas-settur, jipprovdi għajnuna mfassla speċifikament permezz ta' programmi u inizjattivi, u jospita uffiċċji internazzjonali u Ewropej. Barra minn hekk, il-KMA jissorvelja l-Istitut Kulturali ta' Malta, li għandu l-għan li jippromwovi l-identità kreattiva u kulturali ta' Malta lil hinn mix-xtut Maltin, waqt li jwettaq konvenzjonijiet u jikkollabora ma' korpi pubbliċi, organizzazzjonijiet u individwi. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-għarfien tad-drittijiet dwar il-proprjetà intellettwali, jissorvelja l-ġestjoni tal-art, il-binjiet u s-servizzi użati mis-setturi, iżomm reġistri msejsa fuq is-setturi varji u l-partijiet ikkonċernati rispettivi tagħhom u jmexxi s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-età għas-settur.

**3** Jiżviluppa u jwettaq strateġiji li jipprofessjonalizzaw is-settur, itejbu l-aċċess għas-suq fuq livell nazzjonali u internazzjonali u jippromwovi lil Malta bħala punt ċentrali għall-attività kulturali u kreattiva. Barra minn hekk, il-KMA jiffaċilita strateġiji li jsaħħu r-rappreżentazzjoni industrijali, iżidu l-parteċipazzjoni pubblika fl-avvenimenti kulturali, jiżviluppaw sottosetturi speċifiċi meqjusa kruċjali għall-iżvilupp tas-setturi, u jtejbu l-irwol tas-setturi fl-edukazzjoni u fit-trawwim taċ-ċittadinanza, il-kreattività u l-innovazzjoni.

**4** Ikun punt ta' riċerka nazzjonali għas-setturi kulturali u kreattivi billi jirriċerka u jaqsam ir-riċerka, jamministra statistiċi u databases marbuta mal-funzjonijiet tiegħu u jissieħeb ma' organizzazzjonijiet nazzjonali ewlenin fi proġetti ta' riċerka lokali u internazzjonali.

**5** Iwieżen lis-setturi permezz ta' investiment billi jamministra inċentivi ġejjin minn fondi nazzjonali jew internazzjonali, iqassam fondi li huma mogħtija jew afdati lilu u jgħin organizzazzjonijiet elenkati fit-tieni u t-tielet skeda biex iwettqu l-irwoli tagħhom f'allinjament mal-Politika Kulturali Nazzjonali. Barra minn hekk, il-KMA jissorvelja l-istrateġiji u l-kotba finanzjarji ta' dawn l-organizzazzjonijiet u jipprovdi fondi allokati mill-Gvern biex ikopru l-ħtiġijiet tal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-operat tal-entitajiet elenkati fit-tieni u t-tielet skeda.

# Il-Prinċipji Gwida

1

Xprunar tas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-eċċellenza fl-iżvilupp tal-ħiliet, l-imparzjalità fil-prattika u l-mogħdijiet għal karriera sostenibbli.

2

Valorizzazzjoni tal-passjoni artistika u trawwim tat-talent permezz ta' ħolqien ta' kundizzjonijiet li fihom tista' titkattar il-kreattività.

3

Tiswir ta' kultura li hija inklużiva, ekwa, u msejsa fuq il-benesseri individwali u kollettiv.

4

Trawwim ta' kollaborazzjonijiet dinamiċi fost is-soċjetà ċivili, l-intrapriżi privati u l-istituzzjonijiet pubbliċi biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà bejn kulħadd għal tkabbir kulturali.

5

Pożizzjonar ta' Malta bħala parteċipanta attiva u kunfidenti fi djalogu kulturali globali permezz ta' ingaġġar u skambji internazzjonali sinifikanti.

# Il-Partijiet Ikkonċernati

Strateġija nazzjonali għall-industriji kulturali u kreattivi tiddependi fuq għarfien minn fuq s'isfel tal-ekosistema tagħhom. Għat-tfassil u t-twettiq b'suċċess tal-Istrateġija 2030, il-KMA jpoġġi fuq quddiem nett rabtiet b'saħħithom mal-partijiet ikkonċernati tal-ekosistema nazzjonali kulturali u kreattiva, u ma' atturi internazzjonali.

Bħala parti minn dan il-proċess strateġiku, se niffokaw fuq it-tisħiħ ta' sinerġiji flimkien ma' u fost, dawn l-għaxar gruppi ta' partijiet ikkonċernati, u b'hekk niżguraw li l-għarfien u t-tħassib tagħhom isejsu l-iżvilupp tal-azzjonijiet tagħna.

> "Strateġija nazzjonali għall-industriji kulturali u kreattivi tiddependi fuq għarfien minn fuq s'isfel tal-ekosistema tagħhom.

### Il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali

Il-Ministeru responsabbli għall-kultura jissorvelja t-twettiq tal-Politika Kulturali Nazzjonali, flimkien ma' diversi programmi u konvenzjonijiet lokali u internazzjonali. Minħabba li l-KMA huwa wieħed mill-korpi ewlenin afdati b'din l-eżekuzzjoni, kollaborazzjoni kontinwa mal-Ministeru hija kruċjali, waqt li jinżamm il-prinċipju ta' distakk biex jiġu żgurati livell ugwali bejn it-tnejn u indipendenza minn xulxin.

Din is-sħubija tikkostitwixxi parti integrali mill-qafas usa' ta' governanza pubblika. Tirrifletti l-impenn tal-Kunsill li jwessa' l-aċċess għall-pubbliku u li permezz ta' azzjoni strateġika jinkoraġġixxi parteċipazzjoni attiva mill-komunità. Fl-istess ħin, ningaġġaw ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn. Minkejja li tradizzjonalment il-politika kulturali fl-oqsma tal-arti u l-patrimonju nazzjonali kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ministeru, oqsma relatati bħall-artiġjanat, il-pubblikazzjoni, il-libreriji, l-arkivji u l-edukazzjoni artistika ħafna drabi ġew issorveljati minn dipartimenti oħrajn.

Aħna nintegraw aktar id-dimensjonijiet li qed jevolvu tal-ekonomija kreattiva u l-politika kulturali,


Leanne Ellul
Awtriċi

partikolarment dawk li jinfilzaw ruħhom fid-dixxiplini tal-iSTEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika). Waqt li nirrikonoxxu ċ-ċaqliq jikber lejn l-iSTEAM, fejn l-arti qed tintiseġ mal-oqfsa tal-iSTEM, l-approċċ tagħna jpoġġi fuq quddiem kollaborazzjoni intersettorjali, li trawwem l-innovazzjoni fl-intersezzjoni tal-kreattività, it-teknoloġija u l-inkjesta xjentifika.

## Ministeri b'Interess fl-Arti u l-Kultura

Biex inżidu l-koperazzjoni fil-politika għas-setturi kulturali u kreattivi fost diversi ministeri, il-KMA jikkollabora ma' ministeri fuq livell intersettorjali. Flimkien mad-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-kultura, il-KMA se jkompli jlaqqa' taqsimiet ta' politika minn ministeri differenti li jħallu impatt dirett jew indirett fuq is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. Permezz ta' dan l-approċċ, inrawmu u nimplimentaw alleanzi strateġiċi msejsa fuq il-kunċett tal-kultura bħala pilastru għal żvilupp sostenibbli, u b'hekk nippermettu kontribuzzjoni attiva mill-partijiet kollha rrappreżentati. L-għanijiet tal-Politika Kulturali Nazzjonali li naqsmu bejnietna għandhom l-għan li jnaqqsu l-frammentazzjoni politika fis-setturi li għandhom is-setgħa li jipproponu, jiżviluppaw u jwettqu miżuri li jaħdmu għall-iżvilupp sostenibbli. Setturi bħall-edukazzjoni, l-ambjent, l-ippjanar urban, it-turiżmu, id-drittijiet umani, il-ġustizzja soċjali, id-diżabbiltà, il-kura tas-saħħa, id-dixxiplini tal-iSTEAM, il-politika ekonomika u l-impjieg għandhom jiġu rrappreżentati permezz ta' koperazzjoni interministerjali.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

Kif elenkat fit-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jaqsmu bejniethom għanijiet komuni biex jinvestu finanzjament pubbliku fl-arti u l-kultura u jrawmu l-kreattività, il-benesseri soċjali u l-attività ekonomika. Il-KMA huwa afdat bil-liġi biex jissorvelja u jirrevedi l-istrateġiji, l-istimi finanzjarji u r-rapporti tal-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi biex iżid il-kollaborazzjoni bejniethom u jaqsmu r-riżorsi u l-għarfien espert tagħhom. Barra minn hekk, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jiġu ggarantiti indipendenza fil-programmar artistiku tagħhom, u dan jirrifletti l-prinċipji tagħna ta' diversità u ħelsien fl-espressjoni kulturali.

Kull Organizzazzjoni Kulturali Pubblika tiffoka fuq l-għajnuna u t-tisħiħ tal-iżvilupp u l-prestazzjoni jew il-wirjiet, kif ukoll l-ingaġġar u l-impatt nazzjonali u internazzjonali ta' firxa wiesgħa ta' espressjonijiet kulturali. Dawn huma:

- Festivals Malta
- Il-Fondazzjoni Kreattività, li tikkonsisti minn:
    - Spazju Kreattiv, iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Kreattività ta' Malta
    - ŻiguŻajg, il-Festival Internazzjonali tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ
- Malta International Contemporary Art Space (MICAS)
- L-Orkestra Filarmonika ta' Malta (MPO)
- Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC)
- L-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Performattiva (NAPA) li tikkonsisti minn:
    - Kor Malta
    - Teatru Malta
    - Żfin Malta
- Pjazza Teatru Rjal (PTR)
- De Valette Chamber Orchestra
- Il-Fondazzjoni tal-Knisja tal-Ġiżwiti
- It-Teatru Manoel
- L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta (VCA), inkluż il-Valletta Design Cluster (VDC)

## Entitajiet Pubbliċi b'Interess fl-Arti u l-Kultura

Il-KMA jrawwem l-approċċ olistiku tiegħu billi jikkollabora u jikkopera ma' entitajiet pubbliċi li għandhom mandat kulturali taħt il-Ministeru responsabbli mill-kultura, kif ukoll ministeri oħrajn. Għaldaqstant, ħdimna, u rridu nkomplu naħdmu, ma' entitajiet bħall-Uffiċċju tal-President ta' Malta, il-Malta Enterprise, il-Kummissjoni Maltija tal-Films, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, id-Dipartiment tal-Politika Ekonomika, l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali, id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali, Aġenzija Żgħażagħ, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD), l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST), il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, id-Dipartiment għar-Restawr u l-Preservazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet (NSC), l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli, u l-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva (MVPA), fost oħrajn.



Chakib Zidi
Artivist u Koreografu

## Prattikanti u Organizzazzjonijiet Kulturali u Kreattivi

Dan il-grupp huwa magħmul mill-individwi u l-organizzazzjonijiet artistiċi u kreattivi kollha attivi fl-isferi kulturali u kreattivi fis-setturi pubbliċi, privati u volontarji f'Malta, fosthom organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw setturi li jippromwovu l-interessi professjonali u soċjoekonomiċi u d-drittijiet tal-prattikanti u l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi.

Skont l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, l-attivitajiet tagħhom huma identifikati bħala "sett ta' attivitajiet kulturali sinifikanti, imsejsa fuq l-għarfien, li ġejjin mill-kreattività ta' kapital kulturali, li jiġbru fihom iċ-ċikli ta' kreazzjoni, produzzjoni, distribuzzjoni u preservazzjoni ta' materji u servizzi kulturali u kreattivi, u li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw żvilupp kulturali u soċjali, tkabbir fl-impjiegi u fl-ekonomija."

Ix-xogħol tagħna jdur madwar dan il-grupp ta' partijiet ikkonċernati, li għandu impatt ewlieni fuq il-forom ta' għajnuna, investiment, promozzjoni u r-riċerka li nagħmlu meta nwettqu l-istrateġija tagħna. Irridu li dan il-grupp ikun parti mit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna, waqt li jkun megħjun direttament permezz tal-programmi ta' finanzjament tagħna, servizz ta' senserija, riċerka, inizjattivi ta' żvilupp u opportunitajiet ta' skambju ta' għarfien.

## Il-Komunitajiet

Il-ħajja soċjali u kulturali ta' Malta u Għawdex hija mogħnija b'diversi espressjonijiet artistiċi msawra minn identitajiet, tradizzjonijiet u esperjenzi mgħixa differenti. L-approċċ ta' ingaġġar pubbliku tagħna huwa msejjes fuq impenn sħiħ għad-drittijiet kulturali u demokrazija kulturali, u nirrikonoxxu lill-komunitajiet mhux biss bħala udjenza imma bħala kontributuri attivi u kokreaturi tal-ħajja kulturali. Infittxu li niżguraw li kulħadd jista' jara lilu nnifsu, l-istejjer u r-realtajiet tiegħu riflessi f'attività artistika u kulturali, waqt li nippermettu aċċess ekwu, parteċipazzjoni sinifikanti u emanċipazzjoni kreattiva għal kulħadd. Billi nsostnu, insaħħu u nagħtu spazju lid-diversità kulturali fil-forom kollha tagħha, inrawmu koeżjoni soċjali, innovazzjoni, u żvilupp sostenibbli fil-komunità permezz ta' kollaborazzjoni profonda u transsettorjali.

## Kollaborazzjonijiet Nongovernattivi

Il-KMA jingaġġa ruħu ma' organizzazzjonijiet volontarji, assoċjazzjonijiet u esperti tas-soċjetà ċivili li jaħdmu lil hinn mis-settur kulturali, biex jiżgura li l-istrateġiji tiegħu jibqgħu jwieġbu għar-realtajiet tal-komunità u l-ħtiġijiet tas-settur. Dawn il-koperazzjonijiet isostnu l-bini tal-kapaċità, proċessi parteċipatorji, kotfassil ta' programmi u l-integrazzjoni ta' prattiċi inklużivi. Permezz ta' ħidma mill-qrib ma' sħab nongovernattivi, il-KMA jsaħħaħ r-relevanza tal-komunità, iwessa' r-rappreżentazzjoni u jirrinforza approċċ parteċipatorju għall-iżvilupp artistiku u kulturali li huwa msejjes fi ħdan kuntesti usa' tas-soċjetà.

## Sħubijiet Akkademiċi

Il-KMA jikkollabora ma' akkademiċi u istituzzjonijiet akkademiċi biex isaħħaħ ir-riċerka, l-iżvilupp tal-politika u l-prattika msejsa fuq l-evidenza fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi. Dawn is-sħubijiet isostnu riċerka ffokata, evalwazzjoni indipendenti, analiżi tad-data u għarfien strateġiku li jinforma t-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ippjanar fit-tul. Permezz ta' skambju interdixxiplinarju u qsim tal-għarfien, sħab akkademiċi jikkontribwixxu riflessjoni kritika, innovazzjoni u profondità intellettwali għall-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-programmi tagħna.

## Koperazzjoni mas-Settur Privat

Permezz ta' proċessi ta' akkwist pubbliku u koperazzjoni strateġika, il-KMA jingaġġa konsulenti tan-negozju, fondazzjonijiet indipendenti, investituri soċjali u fornituri ta' servizzi speċjalizzati biex isaħħaħ is-sostenibbiltà u t-tkabbir fis-setturi kulturali u kreattivi fit-tul. Kollaborazzjonijiet bħal dawn isostnu l-iżvilupp strateġiku u l-bini tal-kapaċità organizzattiva, u jiffinanzjaw id-diversità u t-tfassil ta' mekkaniżmi finanzjarji innovattivi. Jippromwovu wkoll approċċi alternattivi għal investiment kulturali, fosthom sponsorship, appoġġ fis-sisien, investiment soċjali u mudelli finanzjarji mħallta, allinjati mal-prattika tajba Ewropea. Permezz ta' dan, il-KMA jespandi l-bażi tar-riżorsi tiegħu, jirrinforza reżiljenza istituzzjonali u jikkontribwixxi għal impatt soċjali, koeżjoni soċjali u innovazzjoni kulturali sostenibbli li jistgħu jitkejlu fi ħdan l-ekosistema kreattiva usa'.

## Sħab u Networks Internazzjonali

Dan il-grupp ta' partijiet ikkonċernati jinkludi assoċjazzjonijiet, aġenziji u networks ta' partijiet ikkonċernati diversi li joperaw fuq skala usa' Ewropea u/jew internazzjonali b'mandat fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-KMA huwa membru ta' networks u organizzazzjonijiet ewlenin internazzjonali, bħall-IFACCA (Federazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli tal-Arti u Aġenziji Kulturali), il-EUNIC (Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Kultura tal-Unjoni Ewropea), il-Eurimages, l-IETM (Network Internazzjonali għall-Arti Performattiva Kontemporanja), l-ENCACT (Network Ewropew dwar il-Ġestjoni u l-Politika Kulturali), Association for the Compendium of Cultural Policies and Trends, European Alliance of Academies, Sound Diplomacy u Salzburg Global, fost oħrajn.

Fis-snin li ġejjin, irridu nżidu r-rappreżentazzjoni tagħna biex nippromwovu l-għanijiet strateġiċi tagħna, b'fokus fuq ir-reġjun Ewro-Mediterranju u lil hinn. Qed niżviluppaw ukoll sħubijiet internazzjonali ma' mexxejja kulturali rinomati u sostenibbli biex intejbu l-kapaċità operattiva tagħna fl-iżvilupp ta' metodi u inizjattivi li jsostnu s-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

# L-Isfond u l-Kuntest

L-Istrateġija 2030 tibni fuq is-sisien u l-għarfien tal-Istrateġija 2025 biex tirrinforza l-impenn kontinwu ta' Malta għal industriji kulturali u kreattivi sodi u sostenibbli. Tallinja ruħha mal-oqfsa nazzjonali ewlenin ta' bħalissa, fosthom il-Politika Kulturali Nazzjonali 2021, il-Karta għall-Istatus tal-Artist u l-Viżjoni Malta 2050.

Meta nħarsu 'l quddiem, il-viżjoni tal-istrateġija għandha għeruqha fir-realtajiet lokali u globali, waqt li tispira ruħha mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda (SDGs) u l-viżjoni tal-MONDIACULT 2025 tal-UNESCO, biex tiżgura li l-kultura tibqa' motivatur għal benesseri soċjali, reżiljenza ekonomika u tkabbir professjonali.

> "L-Istrateġija 2030 tintegra prinċipji ewlenin biex tallinja s-setturi kulturali u kreattivi mal-prijoritajiet Ewropej.

Il-fokus fuq żvilupp sostenibbli, professjonalizzazzjoni u drittijiet kulturali fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta huwa approċċ sostenibbli li jħares 'il quddiem biex jibni ekosistema kulturali ta' kwalità għolja u kompetittiva fuq livell internazzjonali. Jiżgura li l-artisti, l-operaturi kulturali u l-prattikanti kreattivi ta' Malta jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim strutturati, kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u għajnuna istituzzjonali, li jippermettulhom joperaw fuq skali lokali u globali.

## Allinjament mal-Għanijiet Nazzjonali u Ewropej

L-Istrateġija 2030 hija tweġiba għall-ambizzjonijiet kulturali u ekonomiċi fit-tul tal-pajjiż, kif inhuma artikolati fid-dokumenti politiċi lokali:

**Il-Politika Kulturali Nazzjonali (2021)** tidentifika l-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjieg kulturali ġust bħala prijoritajiet ewlenin, waqt li tinidirizza lakuni eżistenti fil-kuntest Malti, bħal dawk marbuta ma' mogħdijiet fl-arti frammentati u t-tendenza ta' impjieg prekarju u ħlas baxx. Barra minn hekk, tagħti aktar importanza lill-iżvilupp tas-setturi permezz ta' żieda fit-taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu, kif

ukoll kordinazzjoni istituzzjonali aħjar fost is-setturi edukattivi, kulturali u ekonomiċi. Permezz tal-indirizzar ta' dan, Malta tista' tiżgura li x-xogħol kulturali jiġi ttrattat bħala professjoni vijabbli, u mhux biss bħala proġett ta' passjoni jew volontarjat.

**Il-Karta għall-Istatus tal-Artist (2024)** hija dokument kruċjali fit-tfassil ta' din l-Istrateġija, u tipprovdi s-sisien etiċi u legali għal impjieg kulturali ġust u sostenibbli. Il-Karta tippromwovi prattiċi ġusti fil-ħlas u t-tassazzjoni, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u aċċess għar-riżorsi, waqt li tiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma rispettati u protetti. Il-Karta tirrinforza l-prinċipju li l-artisti huma intitolati għall-istess dinjità, drittijiet u protezzjoni soċjali daqs professjonisti f'setturi oħra. Meta dawn l-istandards jissejsu fi ħdan il-qafas tal-Istrateġija 2030 u jitrawmu sforzi kollaborattivi, Malta tista' trawwem ekosistema kreattiva mibnija fuq l-ekwità, it-trasparenza u l-akkontabbiltà, li fl-aħħar mill-aħħar temanċipa lill-artisti biex isostnu l-prattika tagħhom mingħajr esplojtazzjoni jew instabbiltà.

**Viżjoni Malta 2050** tenfasizza t-tranżizzjoni għal ekonomija msejsa fuq l-għarfien u s-sostenibbiltà. Il-professjonalizzazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi tikkontribwixxi direttament għal din il-viżjoni billi ttejjeb il-bażi tal-ħiliet, tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u ssostni l-intraprenditorija kreattiva. Trawwem forza tax-xogħol li tista' taddatta għat-trasformazzjoni diġitali, is-sostenibbiltà ambjentali u d-domandi tas-suq globali, waqt li tiżgura li l-arti ma titħalliex fil-periferiji, imma titpoġġa fil-qalba tat-tkabbir nazzjonali tal-ġejjieni.

**Pożizzjonament għall-Offerta tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura li Jmiss:** Waqt li Victoria 2031 qed tħejji l-offerta tagħha għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, l-Istrateġija 2030 qed tpoġġi fuq quddiem nett il-professjonalizzazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi bħala imperattiv strateġiku. Tpoġġi enfasi fuq Għawdex bħala ekosistema reġjonali distinta, u tirrikonoxxi l-partikolarità kulturali, l-iskala u d-dinamiċi komunitarji tagħha. It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali, it-trawwim tal-iżvilupp tat-talent reġjonali u t-titjib tal-infrastruttura kulturali sostenibbli f'Għawdex huma l-pilastri fundamentali li jiżguraw li l-offerta tirrifletti mhux biss ambizzjoni nazzjonali, imma wkoll tmexxija reġjonali b'saħħitha u reżiljenza kulturali fit-tul taż-żmien li tmur lil hinn mill-2031.

**Promozzjoni tas-Sostenibbiltà u l-Ekwità:** F'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Ġnus Magħquda, il-fokus ta' din l-istrateġija ssostni l-għan ta' provvediment ta' tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi. L-Istrateġija 2030 issostni karrieri kulturali sostenibbli billi tippromwovi ħlas ġust, inklużività u aċċess ugwali għal opportunitajiet, u tiżgura li t-talent jiddetermina s-suċċess. Trawwem ukoll kontinwità interġenerazzjonali, u tgħammar lill-artisti u l-intraprendituri kreattivi żgħażagħ bl-għodod u n-networks li jeħtieġu biex jirnexxu.


**Dorian Mallia**
**Fundatur u Direttur Artistiku,**
**Moveo Dance Company**

**L-Istrateġiji Kulturali Reġjonali 2022-2027:** L-Istrateġija 2030 tirrikonoxxi kemm l-elementi komuni kif ukoll dawk distintivi tas-sitt reġjuni f'Malta fl-azzjonijiet ippjanati għall-professjonalizzazzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi. F'dan il-kuntest, l-Istrateġiji Kulturali Reġjonali 2022-2027 iservu bħala qafas. Dawn l-istrateġiji kellhom l-għan li jsaħħu s-setturi kulturali u kreattivi billi jrawmu l-identitajiet reġjonali u jemanċipaw il-komunitajiet lokali. Imsejsa fuq dan l-approċċ, ir-riċerka dedikata u l-analiżi għall-iżvilupp ta' sett ġdid ta' strateġiji se jestendu ruħhom sal-2032, u b'hekk jinkludu l-ippjanar u x-xogħol ta' tħejjija għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura ta' Victoria 2031.

**Il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa (2025)** tipprovdi qafas imġedded għall-politika kulturali, li jservi ta' punt ta' referenza ewlieni għall-Istrateġija 2030 tal-KMA. Din għandha l-għan li tuża l-potenzjal sħiħ tal-kultura billi tippromwovi l-assi kulturali għonja tal-Ewropa, waqt li tindirizza l-isfidi ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom is-setturi kulturali u kreattivi. Fost dawn hemm restrizzjonijiet għall-ħelsien artistiku, il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji tal-artisti, aċċess mhux ugwali għal parteċipazzjoni kulturali u l-impatt trasformattiv tat-teknoloġiji emerġenti bħall-IA.

Il-Boxxla Kulturali twaqqaf erba' direzzjonijiet strateġiċi li jallinjaw mill-qrib mal-viżjoni kulturali ta' Malta:

1. Tħares u ssaħħaħ il-valuri Ewropej u d-drittijiet kulturali bħala s-sisien ta' ekosistema kulturali demokratika u inklużiva.

2. Temanċipa l-artisti u l-professjonisti kulturali, tiżgura kundizzjonijiet ġusti u karrieri sostenibbli.

3. Tislet mill-kultura u l-patrimonju biex issaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali Ewropea.

4. Tħeġġeġ ir-relazzjonijiet u l-isħubijiet kulturali internazzjonali, u tuża l-kultura bħala pont għal djalogu u kollaborazzjoni.

L-Istrateġija 2030 tintegra dawn il-prinċipji ewlenin biex tallinja s-setturi kulturali u kreattivi mal-prijoritajiet Ewropej, u tiżgura li l-politika kulturali mhux biss issostni l-eċċellenza artistika u l-benesseri soċjali, imma wkoll tikkontribwixxi għall-viżjoni usa' Ewropea ta' innovazzjoni, solidarjetà u identità kondiviża.

Flimkien, dawn il-prijoritajiet jipprovdu s-sisien etiċi u operattivi għall-Istrateġija 2030, u jiżguraw li l-professjonalizzazzjoni, is-sostenibbiltà u d-drittijiet kulturali mhux biss jindirizzaw il-kapaċità u l-effiċjenza, imma wkoll jikkultivaw eċċellenza, ekwità, parteċipazzjoni, u tkabbir kulturali maqsum bejn ħafna. Dawn il-prinċipji jestendu ruħhom lil hinn minn riżorsi tanġibbli biex isaħħu l-infrastruttura immaterjali tas-setturi, fosthom in-networks, il-ħiliet, ir-relazzjonijiet u s-sistemi ta' għarfien li jsostnu l-kreattività u l-kollaborazzjoni. Fi ħdan l-Istrateġija 2030, l-infrastruttura immaterjali hija rikonoxxuta bħala sies li fuqu l-ekosistema kulturali u kreattiva tikber u tipprofessjonalizza ruħha. Kuntrarju għall-infrastruttura fiżika, bħat-teatri, il-mużewijiet jew l-istudios, l-infrastruttura immaterjali tinkludi s-sistemi intanġibbli li jippermettu lis-setturi biex jiffunzjonaw b'mod effettiv u sostenibbli. Fost dawn insibu networks ta' għarfien, pjattaformi diġitali, relazzjonijiet istituzzjonali, opportunitajiet ta' taħriġ, mudelli ta' governanza, sistemi ta' mentoraġġ, u l-valuri kondiviżi li jgħaqqdu lill-individwi u l-organizzazzjonijiet minn setturi differenti.

L-infrastruttura immaterjali hija wkoll fattur ewlieni tal-innovazzjoni, ir-reżiljenza u l-inklużjoni. Meta tirrinforza n-networks ta' appoġġ u skambju, tippermetti lill-artisti u l-ħaddiema kulturali jaddattaw ruħhom għal bidliet teknoloġiċi u soċjali rapidi, fosthom l-integrazzjoni tal-għodod diġitali u l-infilzar tal-IA fil-prattika artistika.



Ruben Zahra
Kompożitur

# Nivvalorizzaw il-Passjoni. Insaħħu l-Professjoni.

L-Istrateġija 2030 twaqqaf il-viżjoni mġedda fit-tul tal-KMA, tibni fuq is-sisien tal-Istrateġija 2020 u l-Istrateġija 2025, waqt li twieġeb għall-pajsaġġ kulturali, soċjali u demografiku ta' Malta li qed jevolvi b'rata mgħaġġla. Tafferma mill-ġdid l-irwol kruċjali tal-industriji kulturali u kreattivi mhux biss bħala motivaturi ekonomiċi, imma wkoll bħala kontributuri ewlenin għall-benesseri fuq livell individwali u kollettiv u l-identità nazzjonali.

**Fil-qalba ta' din l-Istrateġija hemm il-prinċipju li l-passjoni artistika u l-iżvilupp professjonali huma distintament importanti, waqt li huma marbuta ma' xulxin b'mod profond u reċiproku.**

Aħna niddikjaraw li fiha nnifisha l-professjonalità tal-prattika hija mħaddna mill-passjoni. B'hekk, il-passjoni ġenwina timmotiva u ssawwar standards u eżiti professjonali. Aħna nirrikonoxxu l-valur intrinsiku tal-espressjonijiet kreattivi kollha, u nirrikonoxxu wkoll li waqt li mhux kull attività kreattiva twassal għal karriera formali, il-valur kulturali u personali qatt ma jista' jiġi miċħud. Fl-istess ħin, għal dawk li jfittxu professjonijiet artistiċi, il-provvediment ta' kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u sostenibbli huwa kruċjali.

Din id-direzzjoni strateġika hija ssostanzjata bis-sħiħ minn data ekonomika riċenti. L-ekonomija kulturali esperjenzat tkabbir sostanzjali. Bejn l-2019 u l-2023, in-numru ta' individwi f'attivitajiet kulturali u kreattivi mħallsa kiber minn 19,555 għal 41,726. Barra minn hekk, illum 31.5% tal-persuni impjegati jiddedikaw parti mill-ħin tax-xogħol imħallas tagħhom għal xogħol kulturali u kreattiv[1]. L-Istrateġija hija wkoll mgħarrfa u msawra minn riċerka msejsa fuq l-evidenza u rispons minn partijiet ikkonċernati u l-persunal tal-KMA, li jidentifikaw il-punti b'saħħithom ewlenin u l-lakuni fl-operat tal-KMA.

L-Istrateġija hija mibnija fuq tliet pilastri li jirkbu fuq xulxin: l-Iżvilupp Professjonali, id-Drittijiet Kulturali u l-Internazzjonalizzazzjoni. L-Istrateġija 2030, minflok tuża mudell amministrattiv imsejjes fuq taqsimiet, taddotta approċċ tematiku li jallinja lill-Kunsill sħiħ madwar il-funzjonijiet tiegħu. Dan il-qafas jinkoraġġixxi kollaborazzjoni, inaqqas silos organizzattivi u jiżgura li l-programmi u l-politiki huma msawra minn għanijiet fit-tul minflok minn konfini interni. Billi tippermetti xogħol trasversali bejn timijiet differenti, l-Istrateġija ssaħħaħ il-koerenza, tippromwovi l-innovazzjoni

[1] Stħarriġ dwar il-Prattika Kulturali u Kreattiva, 2024

u tgħin rispons aktar effettiv għal sfidi kulturali kumplessi.

It-tliet pilastri ewlenin ta' din l-istrateġija jiggwidaw id-direzzjoni ġenerali u t-twettiq prattiku tagħha. Ħames funzjonijiet trasversali (l-Investiment Pubbliku, l-Iżvilupp u l-Appoġġ, il-Promozzjoni, ir-Riċerka u l-Kollaborazzjoni) joperaw fl-oqsma strateġiċi kollha aktar milli f'oqsma separati. Dawn il-funzjonijiet isostnu u jirrinforzaw l-erba' oqsma strateġiċi: il-Prattiċi Ġusti, il-Komunità u l-Inklużjoni, il-Benesseri u l-Iskambju Internazzjonali. Flimkien, jindirizzaw l-ħtiġijiet tas-settur kollu, minn titjib ta' kundizzjonijiet u ħiliet għal twessigħ fil-parteċipazzjoni u l-benesseri.

Jikkumplimenta dan il-mudell sett ta' faċilitaturi organizzattivi li jsostnu l-azzjonijiet tal-Istrateġija. Dawn huma mmirati biex isaħħu l-pedamenti tal-Kunsill Malti għall-Arti, kemm f'termini ta' kompetenza kif ukoll ta' infrastruttura, u jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun f'pożizzjoni tajba biex tappoġġja s-settur u twassal il-miri stabbiliti.

L-Istrateġija 2030 hija mfassla bir-realtajiet ta' Malta, globali u ġeopolitiċi fl-isfond. Hija allinjata mal-politika Ewropea, partikolarment il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, u l-Istrateġija tagħti importanza kbira lit-trawwim ta' ambjent ekwu u inklużiv, waqt li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sostenibbli għal professjonisti kulturali. Kif huwa stipulat fil-Politika Nazzjonali u kif ġie stabbilit permezz tal-Karta għall-Istatus tal-Artist, l-Istrateġija tippromwovi prattiċi ta' xogħol dinjitużi, bi ħlas ġust, kuntratti stabbli, postijiet tax-xogħol sikuri u inklużivi kif ukoll rikonoxximent tal-istatus professjonali ta' kull min jaħdem fl-industriji kulturali u kreattivi.

L-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet f'kull stadju tal-karriera tal-prattikanti, minn wieħed emerġenti għal wieħed stabbilit, huwa element ewlieni tal-istrateġija. L-Istrateġija 2030 tindirizza wkoll il-vulnerabbiltajiet li l-artisti żgħażagħ u emerġenti jħabbtu wiċċhom magħhom, tirrikonoxxi l-prekarjetà, il-kuntratti qosra u d-dħul irregolari tagħhom, li huma riflessjoni ta' x'jiġri fl-Ewropa b'mod usa', tant li terz tal-ħaddiema kulturali jaħdmu għal rashom[2]. Fi tweġiba għal dan kollu, l-Istrateġija timmira li ssaħħaħ ir-reżiljenza, il-protezzjoni soċjali u mogħdijiet sostenibbli fis-settur.

L-Istrateġija tirrifletti wkoll l-impatt dejjiemi tal-pandemija COVID-19, li ħarbtet il-ħajja kulturali waqt li aċċellerat l-innovazzjoni diġitali. L-Istrateġija 2030 tfittex li tissustanzja dan il-progress, u trawwem il-konnessjoni mill-ġdid, l-aċċessibbiltà u l-forom ġodda tal-parteċipazzjoni diġitali. F'dan il-kuntest, element ewlieni progressiv tal-Istrateġija huwa l-approċċ tagħha għall-IA. L-Istrateġija tirrikonoxxi l-IA bħala forza kulturali daqskemm teknoloġika, u tikkommetti ruħha biex tippromwovi integrazzjoni tal-IA fi ħdan l-industriji kulturali u kreattivi b'mod etiku u msejjes fuq il-bnedmin. L-IA tista' ssostni prattiċi artistiċi ġodda, ittejjeb il-ġestjoni kulturali, twessa' l-parteċipazzjoni u ssaħħaħ il-mod kif tiġi mifhuma l-udjenza. Madankollu, l-Istrateġija tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal salvagwardji etiċi u legali robusti li jipproteġu l-proprjetà intellettwali, ix-xogħol tal-awturi u d-diversità kulturali, u b'hekk tiżgura li l-IA tkabbar aktar milli tieħu post il-kreattività umana.



Charlie Cauchi
Artist Interdixxiplinarju

Kollox ma' kollox, l-Istrateġija 2030 tipprovdi pjan direzzjonali sħiħ għall-ekosistema kulturali li tivvalorizza l-passjoni, issostni l-professjonalizzazzjoni, tipproteġi d-drittijiet kulturali u tpoġġi lil Malta bħala kontributur attiv u responsabbli għall-pajsaġġ kulturali Ewropew.

[2] Eurostat: Statistiċi Kulturali - L-Impjieg Kulturali, 2023

# Strateġija 2030

NIVVALORIZZAW IL-PASSJONI. INSAĦĦU L-PROFESSJONI.



# Il-Funzjonijiet

# L-Investiment Pubbliku

Il-pilastru tal-Investiment Pubbliku tal-Istrateġija 2025 kellu l-għan li jidderieġi l-investiment pubbliku strutturat lejn prattiċi kulturali u artistiċi sostenibbli, waqt li jwessa' l-aċċess għall-fondi u jsaħħaħ il-kundizzjonijiet tax-xogħol kulturali. Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress sostanzjali f'dawn il-prijoritajiet. Il-portafoll ta' finanzjament twessa' kif ukoll żdied fil-volum tiegħu: minn sena għal oħra, kiber in-numru ta' skemi waqt li l-ammont tal-iżborż żdied minn madwar €3–3.8 miljuni bejn l-2022 u l-2023 għal aktar minn €4.5 miljuni fl-2024, u saħansitra qabeż is-€6.5 miljuni fl-2025. Kull sena ġew sostnuti mijiet ta' inizjattivi, waqt li konsistentement ġiet irrekordjata rata qawwija ta' suċċess fit-twettiq u l-kisbiet tal-għanijiet u l-eżiti tal-proġetti li ġew appoġġjati.

Dan it-tisħiħ fl-investiment fisser li l-impenn tal-Istrateġija 2025 biex il-KMA jżid u jtejjeb l-investiment pubbliku ssarraf f'għajnuna tanġibbli għall-artisti, l-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet. Dan ġie rikonoxxut ukoll internament, bil-persunal jikklassifika l-investiment pubbliku bħala wieħed miż-żewġ oqsma strateġiċi l-aktar effettivi.



Angela Bettoni
Artivist bid-Down Syndrome

> Il-KMA jfittex li jrawwem kundizzjonijiet li jippermettu karrieri professjonali sostenibbli...

**Tabella Numru 1.** Eżiti Ewlenin tal-Portafoll ta' Finanzjament Pubbliku (2022–2025)[3]

| Sena | Numru ta' Skemi ta' Finanzjament | Applikazzjonijiet Eliġibbli Rċevuti | Proġetti Sostnuti (Għotjiet Mogħtija) | Investiment Totali tal-KMA (EUR) |
|---|---|---|---|---|
| **2022** | 18 | 619 | 387 | > €3,810,311 |
| **2023** | 19 | 569 | 267 | > €3,000,000 |
| **2024** | 22 | 672 | 377 | > €4,500,000 |
| **2025** | 21 | 766 | 464 | > €6,590,807 |

## Kisbiet Ewlenin

Skemi ġodda bħall-Micro Grant (immirata għal individwi li qatt ma kisbu finanzjament qabel), il-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà (biex jiġu ffinanzjati miżuri ta' aċċessibbiltà u prattiċi inklużivi) u l-Iskema tal-Apprendistat (li tappoġġja allokazzjoni, fosthom f'oqsma emerġenti) indirizzaw l-ostakli għall-applikanti li qed japplikaw għall-ewwel darba jew li huma sottorappreżentati u investew fil-kapaċità u l-iżvilupp professjonali. Għajnuna strutturali u multiannwali tmantniet u twessgħet b'mod kawt: il-programm tal-Investiment fl-Organizzazzjonijiet Kulturali (ICO) ta' Malta laħaq l-ammont ta' €550,000, u ta stabbiltà multiannwali lill-protagonisti ewlenin, waqt li l-iskema tal-ICO ta' Għawdex u l-inizjattivi marbuta mal-bini tal-kapaċità fit-teatru ssenjalaw użu aktar strateġiku tal-fondi biex isaħħu l-ekosistemi tal-organizzazzjonijiet minflok proġetti ta' darba. Dawn l-iżviluppi juru allinjament ċar bejn l-intenzjonijiet u l-eżiti tal-Istrateġija 2025: għodod aktar speċifiċi, kopertura aħjar tal-ħtiġijiet differenti fil-qasam kulturali u taħlita emerġenti ta' finanzjament għal proġetti u strutturi.

It-titjib u t-tnedija sħiħa tas-sistema tal-Customer Relationship Management (CRM) matul iċ-ċiklu tal-għotja tejbet b'mod sinifikanti l-esperjenza tal-utenti, it-trasparenza u l-effiċjenza interna. Is-sejħiet ġew iżjed standardizzati, b'linji gwida u kriterji aktar ċari. F'xi każijiet, bħall-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti, ġiet introdotta valutazzjoni fuq żewġ stadji u parzjalment anonima biex issaħħaħ l-imparzjalità u l-fokus fuq il-mertu artistiku. Il-prattiċi ta' mentoraġġ u monitoraġġ tjiebu wkoll: kull proġett iffinanzjat ġie assenjat lil uffiċjal tal-KMA jew mentor u l-benefiċjarji rċivew gwida dwar kif jirrapportaw u jxerrdu l-kelma. Dawn il-miżuri jwieġbu direttament għas-sejħa tal-Istrateġija 2025 għal monitoraġġ u għajnuna kostruttiva kif ukoll għal burokrazija minima iżda bi skop. Dawn waqqfu wkoll is-sisien għal ġbir ta' data u evalwazzjoni tal-investiment pubbliku aħjar.

## Skemi ta' Finanzjament u Għajnuna Finanzjarja

Taħt l-Istrateġija 2025, il-portafoll ta' finanzjament pubbliku tal-KMA kiber u evolva b'mod sinifikanti. Il-Kunsill mantna u wessa' l-programmi ta'

[3] Rapporti Annwali tal-KMA, 2022-2025

finanzjament tiegħu; żied kemm in-numru tal-iskemi kif ukoll l-investiment totali. Kif jidher f'Tabella Numru 1, fl-2022, il-KMA mexxa 18-il skema ta' finanzjament distinta, 19-il skema fl-2023 u 22 fl-2024 – bil-għan li jindirizza firxa ta' ħtiġijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. In-numru ta' sejħiet għal għotjiet u applikazzjonijiet kiber ukoll. Fl-2024, kellna 672 applikazzjoni eliġibbli, żieda minn 569 fl-2023, u kull sena ġew sostnuti aktar minn terz tal-applikazzjonijiet. Fl-2025, kellna rekord ta' 766 applikazzjoni eliġibbli li tressqu fi 33 sejħa.

Fl-2024, l-iżborż ta' investiment pubbliku dirett mill-KMA qabeż l-€4.5 miljuni, żieda konsiderevoli minn bejn €3 miljuni u €3.8 miljuni fis-sena bejn l-2022 u l-2023. Dawn iċ-ċifri jindikaw żieda stabbli fil-finanzjament pubbliku tal-arti, u jirriflettu kemm allokazzjonijiet akbar mill-Gvern kif ukoll l-isforzi tal-KMA biex iwessa' kif jintlaħqu l-fondi. Notevolment, anki fl-2022 (meta ħafna skemi ta' rkupru marbuta mal-COVID-19 kienu qed jiġu llikwidati), il-KMA sostna 387 proġett jew applikazzjoni li flimkien qabżu t-€3.81 miljuni. F'dik is-sena, kellna rata għolja ta' suċċess – 62% tal-applikanti ngħataw il-fondi. Fl-2024, il-proġetti ffinanzjati telgħu għal 377 (minn 672 talba), ċifra li turi domanda b'saħħitha u appoġġ sinifikanti fis-settur. Dan ġie rrinforzat aktar fl-2025, b'464 applikazzjoni tikseb suċċess.

Dan it-tkabbir fil-finanzjament jirrappreżenta kisba sinifikanti marbuta mal-għanijiet ta' investiment pubbliku tal-Istrateġija 2025, li tiżgura li aktar prattikanti kulturali jistgħu jaċċessaw għajnuna finanzjarja. Internament, il-persunal irrikonoxxa din l-espansjoni, b'wieħed mill-membri jiġbed l-attenzjoni li dan kien dovut għal "iżjed aċċessibbiltà għall-applikazzjonijiet ta' finanzjament permezz tas-sistema CRM tal-KMA." Huwa żied li s-sistema tas-CRM tejbet il-proċess ta' evalwazzjoni, il-monitoraġġ tal-proġetti u l-effiċjenza ġenerali. It-titjib tal-ġestjoni tal-għotjiet permezz tas-sistema CRM ħoloq qafas għal workflows, tejjeb il-ġestjoni tad-data u l-kordinazzjoni tal-proġetti, waqt li laħaq l-għan ta' Azzjoni Numru 6 tal-Istrateġija 2025 u ġie rikonoxxut b'mod wiesa' bħala titjib ewlieni fil-proċess li għamel il-finanzjament aktar faċli u trasparenti.

Sal-2025, intlaħqet ekosistema ta' finanzjament aktar inklużiva b'għotjiet u sostenn immirati, żieda ta' viżibbiltà tad-drittijiet kulturali permezz ta' kampanji u simpożji u ttieħdu l-ewwel passi biex tiġi integrata l-arti f'inizjattivi marbuta mal-benesseri soċjali. Dawn il-kisbiet jallinjaw mill-qrib mal-għanijiet tal-Istrateġija 2025, u huma xhieda ta' kemm dan il-pilastru huwa qasam li fih sar progress sinifikanti. Sforzi fil-ġejjieni għandhom jiffokaw dwar kif dawn il-prattiċi għandhom jissejsu fis-sistema kollha, biex fost oħrajn niżguraw li l-istituzzjonijiet kulturali kollha jaddottaw standards fl-aċċessibbiltà u jrawmu regolarment proġetti komunitarji ta' kokreazzjoni f'kull lokalità, biex jintlaħaq bis-sħiħ il-potenzjal trasformattiv previst fl-istrateġija.



**Giovanni Costantino**
**Attur**

Minbarra li kabbar il-volum ta' finanzjament, il-KMA ddiversifika l-istrumenti ta' investiment u tejjeb l-aċċessibbiltà. Diversi skemi ġodda introdotti bejn l-2022 u l-2025 indirizzaw direttament l-azzjonijiet tal-Istrateġija 2025 biex jimlew il-lakuni u jinkoraġġixxu applikanti li qed japplikaw għall-ewwel darba. Pereżempju, fl-2023, il-KMA nieda l-Micro Grant – għotja żgħira għall-bini tal-kapaċità (tagħmir, materjali, spazju, servizzi) – immirata esklużivament għal individwi li ma rċivewx finanzjament fl-aħħar snin. Din wittiet it-triq għall-aċċess u fl-ewwel sena tagħha laħqet 36 artist emerġenti.

Miżura oħra ta' inklużività kienet il-mekkaniżmu tal-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà (li tnieda bħala pilota fl-2023), li jipprovdi finanzjament supplimentari għal proġetti li jaddottaw "l-ogħla standards ta' prattika tajba li jwaħħdu

l-ekwità mal-kwalità,"[4] permezz ta' servizzi ta' aċċessibbiltà, interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali, prestazzjonijiet rilassanti jew wirjiet multisensorjali. Din l-inizjattiva, b'għeruqha fid-Dritt għall-Kultura, investiet biex jintlaħaq l-għan li proġetti artistiċi ffinanzjati jsiru aktar aċċessibbli u inklużivi.

Sal-2024, il-KMA introduċa wkoll Skema ta' Apprendistat biex jgħin għaxar apprendisti jaħdmu fuq bażi full-time fi programmi ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi. Dan wera l-approċċ risponsiv għall-investiment pubbliku tal-KMA, li jimmira kemm għal sostenibbiltà (permezz ta' bini tal-kapaċità u żvilupp professjonali) kif ukoll għal diversità (billi jwessa' l-aċċess għall-finanzjament). Parteċipanti fi stħarriġ intern irrikonoxxew dawn il-kisbiet: l-Iskema ta' Apprendistat u programmi oħrajn ta' bini tal-kapaċità tqiesu kategorikament bħala suċċessi sinifikanti. Barra minn hekk, permezz tax-xogħol tal-KMA fuq il-Karta għall-Istatus tal-Artist, ġew integrati standards ta' ħlas ġust fil-kriterji ta' finanzjament, u dan tqies bħala riżultat ewlieni f'dan il-pilastru, anki jekk addozzjoni nazzjonali formali tal-qafas tal-istatus tal-artist għadha ma seħħitx.

## Lakuni Ewlenin

Il-Kunsill se jkompli jinvesti f'diversi programmi li jsaħħu s-settur kulturali, waqt li jiżgura aktar koerenza u flessibbiltà biex iwieġeb għall-ħtiġijiet li dejjem jevolvu. It-tisħiħ tal-governanza, aktar evalwazzjoni konsistenti u aktar trasparenza u akkontabbiltà jibqgħu kruċjali fil-proċess ta' finanzjament.

F'dan il-qafas, ir-rinfurzar tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen permezz ta' akkontabbiltà, amministrazzjoni u viżibbiltà aktar b'saħħithom jibqa' kruċjali għat-tkabbir kontinwu tal-industrija lokali tal-films u għal aktar viżibbiltà tax-xogħlijiet awdjoviżivi Maltin lokalment u internazzjonalment.

Id-djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati se jkompli jsejjes il-mudelli ta' investiment u l-mekkaniżmi, bil-benesseri u d-drittijiet kulturali tal-artisti fiċ-ċentru tat-teħid tad- deċiżjonijiet. Komunikazzjoni aktar ċara u aċċessibbli, sistemi ta' applikazzjoni stabbiliti teknoloġikament, fosthom l-għażla li tissottometti bil-Malti, se jżidu aktar l-aċċessibbiltà u l-ekwità. It-tnaqqis ta' rotot ta' investiment frammentati u l-iżvilupp ta' mudelli innovattivi u ta' appoġġ sostenibbli se jgħinu sabiex tinbena reżiljenza fit-tul fis-settur kollu.

Fost l-oqsma kollha ta' xogħlu, il-KMA huwa impenjat li jrawwem tqassim tal-investiment pubbliku fil-kultura b'mod ekwu, trasparenti u effettiv. Fost oħrajn, dan ifisser irifinar tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, titjib fl-akkontabbiltà u tisjis ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni konsistenti li jsostnu aċċess ġust għal opportunitajiet, waqt li jippromwovu l-inklużjoni u d-diversità fl-ekosistema kulturali kollha.

Bl-istess mod, il-KMA jfittex li jemanċipa lill-kreattivi billi jrawwem kundizzjonijiet li jippermettu karrieri professjonali sostenibbli, esperimentazzjoni artistika u żvilupp professjonali, flimkien ma' mudelli ta' finanzjament aktar parteċipatorji u risponsivi. Se tingħata attenzjoni speċjali lit-trawwim ta' prattikanti kulturali u kreattivi emerġenti billi jiġu pprovduti mogħdijiet li jsostnu t-tkabbir u l-integrazzjoni tagħhom fis-settur. Permezz ta' prijoritizzazzjoni ta' komunikazzjoni aktar ċara, djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati u sistemi aktar aċċessibbli, il-Kunsill jimmira li japprofondixxi l-involviment pubbliku fl-arti u jirrinforza l-kultura bħala riżorsa tas-soċjetà għal kulħadd u li tibbenefika lill-komunitajiet daqskemm lill-kreaturi.

[4] Stħarriġ dwar il-Prattika Kulturali u Kreattiva, 2024

# Żvilupp u Appoġġ

Il-funzjoni tal-Iżvilupp u l-Appoġġ, li taqa' taħt il-mandat tat-Taqsima tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp, kienet waħda mill-funzjonijiet ewlenin fi ħdan l-Istrateġija 2025. Dan il-qasam għandu l-għan li jsaħħaħ l-edukazzjoni artistika f'kull livell, jippromwovi żvilupp professjonali kontinwu u jippożizzjona l-kreattività bħala kompetenza ewlenija fis-soċjetà. Fost l-għanijiet tiegħu nsibu l-kollaborazzjoni bejn l-operaturi kulturali u l-istituzzjonijiet edukattivi.

> Se jiġu intensifikati sforzi biex jiġu identifikati u żviluppati mogħdijiet edukattivi li jippromwovu l-irwol kruċjali tal-arti u l-kultura fi ħdan il-pajsaġġ edukattiv.

Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress tanġibbli fit-twaqqif ta' aġendi, inizjattivi pilota u l-bini tal-kapaċità. Il-portafoll tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp iffoka fuq it-twessigħ u t-tisħiħ ta' opportunitajiet għal edukazzjoni u taħriġ fl-industriji kulturali u kreattivi. Dan sar permezz ta' ftehimiet ta' kollaborazzjoni bejn entitajiet pubbliċi u istituzzjonijiet edukattivi bħall-Aġenzija Żgħażagħ, l-MCAST, il-Fondazzjoni Kreattività, id-Direttorat għall-Kultura, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Ġ.F. Abela Junior College, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet, u s-Soċjetà Maltija għall-Arti.

Il-KMA kkollabora wkoll mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, is-Servizz Nazzjonali ta' Sapport lill-Iskejjel, kif ukoll diversi skejjel, biex irawwem apprezzament għall-arti kif ukoll biex jgħarraf lill-istudenti, l-edukaturi u dawk li jfasslu l-politiki dwar l-industriji kulturali u kreattivi.

Dawn l-isforzi kollha jallinjaw ruħhom mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp deskritti fl-Istrateġija 2025, jiġifieri investiment fl-iżvilupp ta' prattiċi pedagoġiċi, promozzjoni ta' apprezzament usa' tal-arti, tisħiħ ta' kollaborazzjoni fost is-setturi edukattivi u kulturali u t-twettiq ta' riċerka dwar l-evoluzzjoni tal-mogħdijiet għal karrieri fl-arti.

## Kisbiet Ewlenin

Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA saħħaħ l-irwol tiegħu fl-edukazzjoni tal-arti u l-iżvilupp professjonali b'mod sinifikanti permezz ta' programmi mwessgħa, riċerka u kollaborazzjoni transsettorjali. Fl-edukazzjoni formali, il-KMA approfondixxa l-isħubijiet tiegħu mal-iskejjel permezz tal-Culture Pass, li tnieda mill-ġdid wara l-pandemija u fl-2025 twessa' biex jagħti lill-istudenti kollha aċċess sħiħ għal esperjenzi artistiċi. L-Iskema għall-Arti fl-Iskejjel daħħlet ukoll lill-artisti fil-klassijiet permezz ta' proġetti u residenzi kreattivi. Intlaħaq tragward ewlieni permezz tal-pubblikazzjoni ta' *A Review of Arts Education in Malta up to School-Leaving Age*, studju komprensiv li jitfa' dawl fuq il-lakuni fil-provvediment tal-edukazzjoni u ppropona 50 rakkomandazzjoni. Din ir-riċerka għandha rwol ewlieni fid-diskussjonijiet nazzjonali marbuta maċ-ċaqliq minn edukazzjoni STEM għal waħda STEAM, li ssejjes l-arti fi ħdan l-oqfsa tal-iSTEM.

Biex isostni l-iżvilupp tal-karrieri tal-artisti, il-KMA tejjeb l-Iskema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp u fl-2023 introduċa l-Għotja għal Sabbatiku għar-Riċerka Artistika, flimkien ma' appoġġ kontinwu għal riċerka fi stadji bikrija. Il-kampanja ArtWorks tal-2024 ippromwoviet l-arti bħala mogħdija għal karriera vijabbli u saħħet il-kollaborazzjoni bejn il-KMA u l-Ministeru għall-Edukazzjoni. Dawn l-isforzi kkontribwew għal konsultazzjonijiet biex titwaqqaf Akkademja Nazzjonali għall-Arti Viżiva u Performattiva, u kkonkludew permezz tal-konferenza fl-2025 *Insawru l-Futur: Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni fl-Arti*, li laqqgħet lill-partijiet ikkonċernati ewlenin u tat għarfien imprezzabbli dwar il-pajsaġġ edukattiv kurrenti, kif ukoll dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tas-settur fil-ġejjieni.

## Lakuni Ewlenin

Minkejja l-progress notevoli li sar, il-pilastru tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp ma laħaqx għalkollox l-ambizzjonijiet sistematiċi li ġew deskritti fl-Istrateġija 2025. Fl-edukazzjoni formali, l-istrateġija ppromwoviet integrazzjoni aktar fil-fond tal-arti u l-kreattività fil-kurrikuli, sistemi ta' valutazzjoni u taħriġ tal-għalliema, sostnuti minn governanza interministerjali stabbli. Waqt li l-KMA saħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet edukattivi, ospita konferenzi u sostna diversi piloti, għadha ma twaqqfitx struttura ta' governanza konġunta, bħal kumitat permanenti b'indikaturi kondiviżi. Ir-riforma għall-edukazzjoni tal-arti għadha frammentata, b'ebda pjan direzzjonali jew attribuzzjoni diretta tal-Istrateġija 2025, li jfisser li l-eżiti fuq livell ta' sistema għadhom fi stadju bikri u jiddependu minn segwiment ta' politika fil-ġejjieni.



Jason Zerafa
Kittieb u Direttur

Għall-prattikanti, minkejja li kibrulhom l-opportunitajiet ta' tagħlim, il-mogħdija għall-iżvilupp ta' talent għadha frammentata. Offerti bħall-Iskema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp jibqgħu jipprovdu opportunitajiet strutturati għall-adulti u ż-żgħażagħ permezz ta' fergħat speċjalizzati li jsostnu taħriġ, masterclasses, residenzi u esperjenzi oħrajn ta' tagħlim. Imma r-residenzi, l-apprendistati, u l-iskemi ta' riċerka artistika joperaw bħala programmi individwali, aktar milli bħala mogħdija koerenti li twassal minn interess bikri għal prattika professjonali.

Permezz tal-istrateġija l-ġdida, se jiġu intensifikati sforzi għal opportunitajiet ta' riċerka u esplorazzjoni mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati u żviluppati mogħdijiet edukattivi li jindirizzaw il-lakuni u jitrawmu suċċessi professjonali akbar, waqt li jippromwovu l-irwol kruċjali tal-arti u l-kultura fi ħdan il-pajsaġġ edukattiv.

# Riċerka

Fl-Istrateġija 2025, il-pilastru tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni tfassal bħala mezz trasversali, bil-għan li jċaqlaq lill-KMA u l-ekosistema usa' minn teħid tad-deċiżjonijiet immotivat minn intuwizzjoni għal kultura ta' tagħlim imsejsa fuq l-evidenza. L-għanijiet ta' dan il-pilastru kienu li jiżviluppa sies ta' għarfien sħiħ dwar l-industriji kulturali u kreattivi ta' Malta, isostni politika msejsa fuq l-evidenza u t-tfassil tal-finanzjament, waqt li jsejjes il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fl-operat tal-KMA u t-twettiq tal-Istrateġija 2025 infisha.

> Il-KMA se jpoġġi fuq quddiem nett l-iżvilupp ta' qafas ta' riċerka robust.

Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress evidenti f'dawn l-aspetti: tpoġġew sisien ewlenin, ir-riċerka żdiedet b'mod sinifikanti u l-ħsieb evalwattiv ġie normalizzat fl-oqsma strateġiċi. Madankollu, diversi ambizzjonijiet ewlenin, bħal qafas ta' indikazzjoni kkonsolidat bis-sħiħ, tkejjil sistematiku tal-eżiti marbuta mad-drittijiet kulturali u l-parteċipazzjoni u ċiklu aktar strutturat ta' "tħejjija-twettiq-reviżjoni-aġġustament" – twettqu parzjalment biss, l-aktar minħabba limitazzjonijiet fil-kapaċità u l-kumplessità inerenti ta' tkejjil tas-sistema kollha.

## Kisbiet Ewlenin

Fl-istess perjodu, kien hemm twessigħ evidenti fil-volum u l-użu strateġiku tar-riċerka. Il-KMA kkummissjona u/jew ikkoproduċa diversi studji ewlenin li jsostnu direttament il-prijoritajiet tal-Istrateġija 2025, fosthom l-Istħarriġ dwar il-Prattika Kulturali u Kreattiva 2024, f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, studji dwar setturi speċifiċi (bħal ngħidu aħna dwar il-film u l-iscreen, il-mużika u l-ekonomija ta' billejl) u studju sħiħ dwar l-Edukazzjoni tal-Arti li jsejjes il-pilastru tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp. Tmexxa 'l quddiem xogħol ta' tħejjija għal aġġornament tal-Istħarriġ

Nazzjonali dwar il-Parteċipazzjoni Kulturali, biex b'hekk ikunu jistgħu jitkejlu x-xejriet ta' parteċipazzjoni u l-inugwaljanza wara l-pandemija b'data aġġornata. Internament, il-KMA investa f'titjib tas-CRM u s-sistemi tad-data tiegħu, biex l-applikazzjonijiet għal għotjiet, il-premjijiet u r-rapporti tal-proġetti jkunu jistgħu jiġu segwiti b'mod ħafna aktar granulari u li jiffaċilita t-tqabbil.

Matul l-2025, il-KMA ppubblika analiżi dettaljata tal-eżiti mis-simpożju nazzjonali *L-Istat tal-Arti* u użahom espliċitament biex jgħarraf il-fażi tal-għeluq tal-Istrateġija 2025 u t-tfassil ta' qafas strateġiku ġdid. Ix-xogħol fuq l-ippjanar tal-assi kulturali u l-irfinar tal-istatistiċi kulturali ġew ikkonsolidati, fosthom dwar il-parteċipazzjoni reġjonali u l-aċċessibbiltà f'kollaborazzjoni mas-CRPD, li jikkontribwixxu simultanjament għall-Investiment Pubbliku, l-Iżvilupp u l-Appoġġ, u r-Riċerka.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-iskemi ta' finanzjament issaħħew permezz tal-pjattaforma CRM u mudelli ta' rapportar standardizzati, li jippermettu lill-KMA jsegwi r-riżultati tal-proġetti u l-eżiti magħżula b'mod aktar konsistenti fost l-iskemi. Ir-riċerka u l-analiżi kienu wkoll integrali fil-konsultazzjonijiet u l-azzjonijiet meħuda minn diversi partijiet ikkonċernati ewlenin, fosthom il-Malta Enterprise, Trade Malta, il-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti u l-Malta Entertainment Industry and Arts Association (MEIA). Il-KMA żamm ukoll preżenza attiva fin-networks ta' għarfien internazzjonali (Compendium, IFACCA u Creative Unite), u kkontribwixxa data u perspettivi Maltin waqt li wkoll importa għarfien komparattiv fix-xogħol strateġiku tiegħu. Flimkien, dawn l-iżviluppi jirrappreżentaw pass 'il quddiem sinifikanti lejn l-għan tal-istrateġija li tippożizzjona lill-KMA bħala aġenzija tal-politika kulturali għanja fl-għarfien, aktar milli waħda marbuta mal-finanzjament biss.

## Lakuni Ewlenin

Minn perspettiva ta' ġestjoni strateġika, il-lakuna ewlenija ma tirrigwardax l-attività, imma n-nuqqas ta' sistema sħiħa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. L-Istrateġija 2025, biex tinforma t-tfassil mill-ġdid tal-politika u l-iskemi, antiċipat il-ħtieġa għal indikaturi definiti, pubblikazzjoni ta' stħarriġ regolari u dashboards u kanali ta' rispons formali.

Sal-2025, dan il-qafas kien għadu mhux sħiħ: ma kien hemm ebda dashboard pubblika konċiża li ssegwi l-eżiti bħal ngħidu aħna l-parteċipazzjoni, l-ekwità, l-aċċessibbiltà jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, u diversi studji importanti saru wisq tard biex jinfluwenzaw il-politika fi ħdan iċ-ċiklu tal-istrateġija kurrenti. Oqsma ewlenin, speċjalment id-drittijiet għall-kultura u l-ekwità, għadhom nieqsa minn data ta' bażi robusta, u għalhekk il-progress huwa diffiċli biex jiġi vvalutat.

Fatturi determinanti inkludew sostenn fit-tħeġġiġ ta' kultura ta' tagħlim, kollaborazzjoni utli bejn timijiet differenti, sħubijiet esterni b'saħħithom u sistemi interni mtejba bħas-CRM. Madankollu, l-ostakli jibqgħu jippersistu. Il-kapaċità tal-persunal hija mġebbda, u dan jillimita l-ħin għal riflessjoni u analiżi waqt li l-ħiliet marbuta mal-istudju tad-data huma żbilanċjati bejn qasam u ieħor. Limitazzjonijiet esterni jxekklu l-ġbir ta' data, speċjalment minn organizzazzjonijiet kulturali żgħar u f'oqsma influwenzati minn fatturi soċjali usa' li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-KMA.

F'ħarsa 'l quddiem lejn l-Istrateġija 2030, il-KMA se jpoġġi fuq quddiem nett l-iżvilupp ta' qafas ta' riċerka robust, imsejjes fuq ir-riċerka biex isaħħaħ it-teħid tad-deċiżjonijiet u jiggwida tkabbir settorjali sostenibbli. Il-qafas se jintegra operat strateġiku b'għarfien mill-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, iwieżen teknoloġiji diġitali avvanzati u IA responsabbli biex jidentifika lakuni, isegwi l-eżiti u jtejjeb ir-riżultati artistiċi u kulturali. Waqt li jibni fuq l-għarfien u s-sistemi mwaqqfa taħt l-Istrateġija 2025, il-KMA se jikkonsolida l-ġbir ta' data, il-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, jiżgura li l-inizjattivi ta' politika, finanzjament u żvilupp huma mgħarrfa, immirati u kapaċi jsostnu ekosistema kulturali reżiljenti, innovattiva u sostenibbli.

# Promozzjoni

F'dawn l-aħħar snin, il-KMA intensifika l-promozzjoni tiegħu biex isaħħaħ l-iżvilupp professjonali tal-artisti u l-prattikanti kulturali, u kklassifika l-arti u l-kultura bħala prijorità strateġika fi ħdan l-ekosistema Maltija. Permezz ta' kampanji mmirati, ingaġġar ma' partijiet ikkonċernati u konsultazzjonijiet nazzjonali, il-KMA ppromwova l-valur tal-karrieri kreattivi, mexxa 'l quddiem djalogi ma' awtoritajiet tal-edukazzjoni u rrinforza l-kontribut tas-settur għall-benesseri u s-sostenibbiltà tas-soċjetà.

Dawn l-isforzi wessgħu l-kuxjenza pubblika, saħħew in-networks bejn dawk li jfasslu l-politiki u l-prattikanti, u stabbilew lill-KMA bħala awtur ewlieni fit-tfassil ta' strateġija kulturali fit-tul u t-trawwim ta' ambjent li fih l-arti u l-kultura jistgħu jirnexxu.

## Kisbiet Ewlenin

Il-promozzjoni tmexxiet 'il quddiem permezz tax-xogħol tal-KMA għall-iżvilupp professjonali tal-artisti u dawk li jaħdmu fil-kultura. Fl-2023, il-KMA introduċa l-Għotja għal Sabbatiku għar-Riċerka Artistika, li permezz tagħha ppermetta lill-prattikanti biex jiddedikaw il-ħin għar-riċerka u l-esperimentazzjoni, waqt li l-Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku sostniet investigazzjoni fi stadju aktar bikri. Dawn l-inizjattivi allinjaw ruħhom mal-inkwadrar tal-iżvilupp artistiku bħala interess edukattiv kif ukoll bħala prijorità settorjali kif twaqqaf fl-Istrateġija 2025, u jirrinforzaw l-irwol tal-KMA li jitlob għal investiment fit-tul ta' żmien fil-ħiliet kulturali.

Il-kampanja ArtWorks tal-2024 wessgħet aktar il-firxa ta' promozzjoni tal-KMA. Tnediet f'nofs l-2024, bil-għan li tippromwovi l-arti bħala mogħdija vijabbli għal karriera u tefgħet dawl fuq l-importanza tal-edukazzjoni tal-arti. Permezz tal-midja u stejjer ta' suċċess, il-kampanja indirizzat direttament Azzjoni Numru 9 (il-komunikazzjoni tal-impatt tal-edukazzjoni tal-arti) u sfidat il-perċezzjonijiet pubbliċi li l-karrieri kreattivi huma anqas sikuri minn mogħdijiet aktar konvenzjonali. Punt kruċjali tal-kampanja ArtWorks kien li wasslet biex jinbnew pontijiet ta' komunikazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, fosthom ma' uffiċjali tal-edukazzjoni, kapijiet tal-iskejjel u uffiċjali anzjani – partijiet ikkonċernati li qabel kienu ħafna inqas ingaġġati mal-isforzi tal-KMA dwar l-edukazzjoni tal-arti. Waqt li l-Istrateġija 2025 ma wasslitx għal taqliba sistematika fl-edukazzjoni tal-arti, it-tisħiħ ta' dawn ir-rabtiet saħħaħ il-kapaċità ta' promozzjoni tal-KMA.

Il-KMA kompla jibni fuq dan il-momentum u fl-2024 f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni kkordina seminar nazzjonali bit-titlu *Mapping the Sector: Towards the Formation of the Academy of the Performing and Visual Arts*. Is-seminar, mibni fuq il-kamapanja ArtWorks, laqqa' l-partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu l-futur tal-edukazzjoni tal-arti f'Malta mil-lenti tal-possibbiltà ta' akkademja nazzjonali tal-arti. Dan kien parti minn proċess ta' riċerka u konsultazzjoni usa', ikkummissjonat b'mod konġunt mill-KMA u l-Ministeru, biex jiżviluppa pjan ta' azzjoni għat-twaqqif ta' tali akkademja. Minkejja li l-Istrateġija 2025 qatt ma ssemmi l-akkademja espliċitament, l-għanijiet tagħha jallinjaw ruħhom mill-qrib ma' din id-direzzjoni. Fiha nfisha, il-proposta nibtet minn impenn tal-Gvern ta' qabel l-2024, rifless fil-manifest elettorali u l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030. Madankollu, ix-xogħol ta' promozzjoni sostnut mill-KMA jpoġġi lill-Kunsill bħala kontributur ewlieni biex tissawwar din il-politika emerġenti nazzjonali.

Barra minn hekk, il-KMA ppromwova b'mod attiv l-addozzjoni ta' prattiċi ekoloġiċi, fosthom l-integrazzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà fi ħdan programmi ta' finanzjament, l-inkoraġġiment ta' metodi ta' produzzjoni responsabbli għall-ambjent u inizjattivi li joħolqu għarfien immirati għall-prattikanti u l-organizzazzjonijiet kulturali. Dawn l-azzjonijiet jallinjaw ruħhom mal-istrateġiji nazzjonali dwar is-sostenibbiltà kif ukoll oqfsa ta' politika internazzjonali u Ewropej, li jiżguraw li l-prattika kulturali lokali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal għanijiet ambjentali usa', waqt li tibqa' konsistenti ma' standards u obbligazzjonijiet speċifiċi għas-settur.

Ukoll, is-simpożju biannwali organizzat mill-KMA laqqa' partijiet ikkonċernati ewlenin biex jirriflettu fuq l-istat, l-iżvilupp u d-direzzjoni fil-ġejjieni tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. Id-diskussjonijiet enfasizzaw partikolarment il-politika, il-mekkaniżmi tal-investiment u l-prattika professjonali, u kkontribwew direttament biex jinfurmaw l-ippjanar strateġiku u l-iżvilupp settorjali fil-futur.

> “Il-KMA jrid ipoġġi l-arti bħala strument diplomatiku strateġiku b'mod aktar espliċitu...

## Lakuni Ewlenin

Minkejja li l-Karta għall-Istatus tal-Artist ġiet integrata konsistentement fid-diskors u l-kriterji ta' finanzjament tal-KMA, għad baqa' lakuna ewlenija fil-promozzjoni: il-qafas legali usa' li jiggverna l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, bħad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-istandards kuntrattwali, għadu jrid jiġi rriformat b'mod sinifikanti. Din il-lakuna hija mistennija, għax bidliet strutturali bħal dawn jeħtieġu azzjoni kkordinata fit-tul ta' żmien bejn ministeri differenti u jestendu lil hinn sew mill-mandat dirett tal-KMA. Madankollu, dan jitfa' dawl fuq qasam fejn il-ħolqien ta' politika fuq livell nazzjonali ma żammx il-pass mal-ħtiġijiet artikolati tas-settur.

F'perjodu definit minn kriżijiet fil-klima, ċaqliq fid-dinamiċi ġeopolitiċi, bidla teknoloġika rapida u tkabbir ta' vulnerabbiltajiet ċibernetiċi, il-KMA jpoġġi l-promozzjoni fil-qalba tal-Istrateġija 2030. Il-Kunsill jinkwadra s-setturi kulturali u kreattivi mhux biss bħala kontributuri għal valur artistiku u ekonomiku, imma wkoll bħala kontributuri kruċjali għal ħajja demokratika, ir-responsabbiltà ambjentali u l-benesseri kollettiv f'ambjent diġitali u fiżiku. Il-promozzjoni tal-KMA tpoġġi fuq quddiem prattiċi ġusti, approċċi għax-xogħol kreattiv imsejsa fuq id-drittijiet u l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-prekarjetà persistenti fis-settur, fosthom sfidi emerġenti marbuta mal-IA, il-governanza tad-data, u s-sigurtà ċibernetika. Iħeġġeġ ukoll il-kultura bħala ġid pubbliku billi jwessa' l-aċċess, il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni, waqt li jirrinforza r-rabtiet intrinsiċi bejn l-arti, is-saħħa mentali u l-benesseri soċjali.

Meta jħares 'il quddiem, il-KMA jrid ipoġġi l-arti bħala strument diplomatiku strateġiku b'mod aktar espliċitu – irawwem djalogu, konverġenza u fehim reċiproku fost il-konfini ġeopolitiċi u diġitali, waqt li jippromwovi aktar l-arti bħala mezz kruċjali għal soċjetà reżiljenti, sigura u interkonnessa.

# Kollaborazzjoni

Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA mexxa 'l quddiem kollaborazzjoni interministerjali u settorjali strutturata, li biha saħħaħ ir-rabtiet bejn operaturi kulturali, istituzzjonijiet edukattivi u atturi tal-ekonomija u l-politika soċjali. Inizjattivi bħall-Culture Pass, l-Arti fl-Iskejjel u proġetti pilota ma' Parks Malta u l-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti tejbu l-aċċess, l-iżvilupp professjonali u l-involviment pubbliku, waqt li indirizzaw l-intraprenditorija u l-industriji kulturali u kreattivi.

> Il-KMA sejpoġġi fuq quddiem sħubijiet strateġiċi biex bihom isejjes żvilupp ta' talent sostenibbli u intrapriża kreattiva fis-settur.

Minkejja dawn il-kisbiet, baqa' sfidi sistematiċi, fosthom mogħdijiet għal edukazzjoni tal-arti koerenti, kundizzjonijiet tax-xogħol robusti u kordinazzjoni transsettorjali formalizzata.



## Kisbiet Ewlenin

Wieħed mill-għanijiet strateġiċi fil-qalba ta' din l-istrateġija huwa li l-istrateġija tiffaċilita kollaborazzjoni interministerjali kontinwa u strutturata bejn l-isferi tal-kultura, l-edukazzjoni u l-politika soċjali. Twaqqfu pontijiet ewlenin għal komunikazzjoni fi ħdan is-settur permezz tal-Grupp ta' Ħidma Rappreżentattiv Settorjali (SRWG), li jinkludi partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fit-twettiq ta' punti ta' azzjoni strateġiċi u t-tiswir ta' miżuri ta' politika ġodda. Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA mexxa 'l quddiem din l-aġenda permezz ta' kisbiet viżibbli fit-twaqqif tal-aġenda, inizjattivi pilota u sforzi għal bini tal-kapaċità. Minkejja dawn il-kisbiet, iċ-ċaqliq fis-sistema edukattiva formali u t-twaqqif ta' mogħdija għat-talent koerenti u definita b'mod ċar baqgħu ma seħħewx għalkollox.

Fl-edukazzjoni formali, il-KMA xpruna aktar kollaborazzjoni bejn l-iskejjel, speċjalment permezz tal-iskemi tal-Culture Pass (fi ħdan id-Direttorat tal-Kultura) u l-Arti fl-Iskejjel. Wara t-tħarbit marbut mal-pandemija, reġa' tnieda l-Culture Pass għas-sena skolastika 2023/2024, u fl-2025 ġie kkonsolidat. Dan joffri esperjenzi artistiċi kkurati għall-istudenti ta' kull livell u jegħleb l-ostakli finanzjarji u loġistiċi li jwasslu għal nuqqas ta' parteċipazzjoni. L-Iskema Arti fl-Iskejjel sostniet kollaborazzjonijiet bejn l-iskejjel u l-artisti, u inkoraġġiet proġetti u residenzi artistiċi kreattivi li daħħlu l-prattika artistika direttament fil-klassijiet.

Sħubijiet strateġiċi kienu wkoll kruċjali fit-tħeġġiġ ta' aġenda intraprenditorjali. Il-kollaborazzjoni ma' Parks Malta dwar l-iżvilupp ta' spazju għall-arti fil-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali wasslet għal post ġdid b'użi multipli għal xogħol kreattiv, involviment pubbliku u ttestjar tas-suq, waqt li xogħol mal-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti (MCF) iffoka fuq il-professjonalizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-artiġjani, u rabat il-prattika tal-artiġjanat mad-disinn, it-turiżmu u l-promozzjoni diġitali.

## Lakuni Ewlenin

Ħafna mill-eżiti mixtieqa, minn mogħdijiet koerenti għall-edukazzjoni tal-arti għal kundizzjonijiet tax-xogħol robusti għall-artisti, jinsabu f'intersezzjonijiet ta' portafolli governattivi u għalhekk ma jistgħux jinkisbu mill-KMA waħdu. Waqt li l-KMA rnexxielu jmexxi 'l quddiem ir-riċerka, il-promozzjoni, u inizjattivi pilota, dawn l-isforzi tefgħu dawl fuq ir-realtà strutturali li minħabba fiha bidla sistematika fit-tul ta' żmien teħtieġ lill-ministeri jaħdmu flimkien, jaqsmu prijoritajiet, jiżviluppaw flimkien soluzzjonijiet u jikkordinaw mill-qrib ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi għal komunikazzjoni u twettiq effettiv.

Sfida oħra, marbuta b'mod partikolari mal-MCF, tirrifletti kwistjoni globali: l-għarfien u d-data f'idejna mhumiex biżżejjed biex jiġu nnavigati l-kumplessitajiet tal-artiġjanat, id-disinn u l-oqsma marbuta miegħu – tradizzjonali, fiżiċi u diġitali – fi ħdan is-swieq globali, fosthom minħabba prodotti falsifikati, id-dritt tal-awturi u t-turiżmu ta' kwalità.

Biex tħalli impatt fuq l-infrastruttura u l-governanza istituzzjonali, l-Istrateġija 2025 immaġinat allinjament aktar mill-qrib bejn il-KMA u l-atturi tal-iżvilupp ekonomiku (il-Malta Enterprise, inkubaturi tan-negozju, aġenziji tal-innovazzjoni) madwar l-industriji kulturali u kreattivi. Waqt li jeżistu kuntatti promettenti, fosthom xogħol fuq strateġiji settorjali bħall-mużika u l-ekonomija ta' billejl u kollaborazzjoni informali bejn aġenziji ekonomiċi, ma teżisti ebda struttura konġunta jew diviżjoni ta' xogħol għall-industriji kulturali u kreattivi simili għall-arranġamenti emerġenti fl-edukazzjoni jew l-iżvilupp reġjonali.

Fil-mixja tagħna 'l quddiem, il-KMA se jpoġġi fuq quddiem sħubijiet strateġiċi, bini tal-kapaċità u promozzjoni biex bihom isejjes żvilupp ta' talent sostenibbli u intrapriża kreattiva fis-settur. Dan se jinkludi kollaborazzjoni aktar profonda ma' istituzzjonijiet pubbliċi, korpi edukattivi, partijiet ikkonċernati industrijali u investituri privati biex isostni l-iżvilupp tal-għarfien espert, l-innovazzjoni u l-mogħdijiet professjonali, kif ukoll biex isaħħaħ l-opportunitajiet għal investiment, kokreazzjoni u aċċess għas-suq. Bit-trawwim ta' dawn l-alleanzi transsettorjali, il-KMA jrid jirrinforza l-governanza, jesebixxi l-arti Maltija u jtejjeb il-viżibbiltà tagħha, u jpoġġi s-setturi kulturali u kreattivi bħala motivaturi ewlenin għal impatt kulturali, soċjali u ekonomiku kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.

# Oqsma Strateğiĉi

# Prattiċi Ġusti

Il-Prattiċi Ġusti huma l-pedament ta' din l-istrateġija. Il-qasam tal-Intraprenditorija Kreattiva fl-Istrateġija 2025 kien maħsub bħala pont bejn il-prattika artistika u l-għajxien sostenibbli, bil-għan li jibni "komunità artistika emanċipata, ta' ħila, reżiljenti u kollaborattiva" b'attitudni intraprenditorjali. Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress viżibbli fl-iżvilupp tal-ħiliet, il-bini ta' pjattaforma u l-inkwadrar tal-politika, imma l-istess perjodu jikxef lakuni ċari fit-tfassil tal-ekosistema, il-governanza u t-tkejjil li jridu jiġu indirizzati f'dan iċ-ċiklu strateġiku.

Din l-istrateġija titfa' dawl fuq il-proċess mhux biss bħala prodott finali, imma bħala intrapriża ta' żvilupp, mgħarrfa mill-ħsieb kritiku u msejsa fuq prinċipji ta' reżiljenza demokratika, benesseri, koeżjoni kompetittiva u innovazzjoni kulturali.

> Din l-istrateġija titfa' dawl fuq il-proċess mhux biss bħala prodott finali, imma bħala intrapriża ta' żvilupp...



Matthew Sultana
Kap tal-Produzzjonijiet, Teatru tal-Opra Aurora

Waqt li tislet minn approċċi interdixxiplinarji u orjentati lejn il-komunità, l-istrateġija tfittex li trawwem mogħdijiet inklużivi u ekwitabbli għall-ħolqien u l-produzzjoni, tiżgura li l-kultura u l-arti jistgħu jirnexxu, waqt li trawwem ekosistema artistika dinamika, orjentata lejn il-proċess u interkonnessa.

## Kisbiet Ewlenin

Il-KMA għamel progress sostanzjali fit-tisħiħ tal-intraprenditorija kreattiva permezz ta' firxa wiesgħa ta' inizjattivi ta' bini tal-kapaċità. Fil-bidu tal-istrateġija, il-KMA nieda l-programm CASE Malta u l-Iskema tal-Apprendistat, li joffru taħriġ strutturat u tagħlim prattiku li l-persunal ġibed l-attenzjoni dwarhom bħala kisbiet ewlenin. Dawn kienu sostnuti minn sessjonijiet ACMlab u webinars dwar l-iżvilupp tan-negozju, il-ħiliet diġitali, il-finanzjament internazzjonali u l-proprjetà intellettwali, kif ukoll mis-simpożju *L-Istat tal-Arti*, li introduċa diskussjonijiet u sessjonijiet ta' pitching dwar intraprenditorija mmotivata minn kwistjonijiet soċjali u l-innovazzjoni. Dawn l-isforzi flimkien xprunaw lis-settur sabiex jiċċaqlaq minn attitudni msejsa fuq proġetti għal kultura aktar professjonali u orjentata lejn l-intraprenditorija.

Sal-2025, dan ix-xogħol kiber fl-iskala u l-ambizzjoni. Il-Programm CASE Malta, li ttejjeb u twassal flimkien ma' In Place of War, ġie ċċertifikat mill-Università ta' Manchester u pprovda taħriġ formali fil-ġbir ta' fondi, l-ippjanar tan-negozju, it-tkejjil tal-impatt u l-ingaġġar tal-komunità. Investiment multiannwali bħaż-żewġ skemi ta' Investiment fl-Organizzazzjonijiet Kulturali rrinforzaw impjieg stabbli u pjattaformi għall-artisti, waqt li skemi għal midja u mużika ġdida rrikonoxxew dawn l-oqsma bħala swieq tax-xogħol kreattiv.

Il-KMA ħeġġeġ ukoll sħubijiet strateġiċi, fosthom spazji ġodda għall-arti f'Ta' Qali u sforzi għal professjonalizzazzjoni mal-Fondazzjoni għall-Artiġjanat Malti. Sejjes il-Karta għall-Istatus tal-Artist fil-kriterji ta' finanzjament, saħħaħ il-kundizzjonijiet tax-xogħol u sostna mudelli ta' negozju kreattiv sostenibbli.

It-twaqqif tat-Taqsima għall-Iżvilupp u l-Istrateġija tal-Films Domestiċi kien immirat speċifikament biex isostni s-settur lokali tal-films. Dan ġie kkomplimentat mill-introduzzjoni tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen, kif ukoll mit-twaqqif fil-futur tal-fergħa internazzjonali marbuta mal-isħubija ta' Malta f'Eurimages u l-parteċipazzjoni tal-pajjiż fil-Berlinale. Lil hinn mill-ambitu internazzjonali, dawn l-inizjattivi jaqgħu wkoll fi ħdan l-azzjonijiet strateġiċi tal-qafas dwar il-prattiċi ġusti, speċjalment l-istandards professjonali, is-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi fi ħdan is-settur.

## Lakuni Ewlenin

Meta mqabbla mal-ambizzjoni sħiħa tal-Istrateġija 2025, f'termini ta' prattiċi ġusti, l-Intraprenditorija Kreattiva għamlet progress, imma għadhom jeżistu lakuni kruċjali. Il-KMA ta taħriġ, mentoraġġ u fondi għal żvilupp sostanzjali, imma dawn għadhom f'iżolament aktar milli parti minn mogħdija intraprenditorjali koerenti. Ma jeżisti ebda "sellum" ċar li jiggwida lill-prattikanti għal esplorazzjoni bikrija (Micro Grant, CASE) permezz ta' inkubazzjoni (hubs, appoġġ strutturat għan-negozju) li minnu jitilgħu skaluna skaluna 'l fuq biex jesportaw. Din il-frammentazzjoni ddgħajjef l-għan ta' bini ta' ambjent favorevoli matul iċ-ċiklu sħiħ ta' intrapriża kreattiva, u dan iħalli lill-artisti dubjużi kemm il-programmi u l-iskemi jistgħu jintrabtu flimkien.

It-tkejjil u l-evidenza huma punt dgħajjef ieħor. Minkejja li l-Istrateġija 2025 tinkwadra l-intraprenditorija f'termini ta' karrieri sostenibbli, tkabbir fid-dħul u reżiljenza fin-negozju, l-inizjattivi ta' bejn l-2022 u l-2025 isegwu l-aktar l-għadd ta' proġetti, in-numru ta' parteċipanti li daħlu għal taħriġ, u l-udjenzi. Fin-nuqqas ta' indikaturi dwar is-sopravivenza tan-negozju, id-diversifikazzjoni tad-dħul jew l-esportazzjoni, huwa diffiċli tivvaluta jekk il-pilastru huwiex itejjeb ir-realtajiet ekonomiċi tal-kreattivi jew jekk aktar minn kollox huwiex isaħħaħ il-ħiliet mhux materjali.

# Komunità u Inklużjoni

Il-pilastru tad-Diversità u l-Komunitajiet poġġa d-drittijiet kulturali, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tal-komunità fil-qalba tal-Istrateġija 2025. L-għan ġenerali kien li l-arti u l-kultura jilħqu lin-nies b'mod aktar profond f'kull aspett tal-ħajja u li titrawwem ekoloġija kulturali diversa apprezzata mill-komunitajiet li sservi. Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress notevoli f'dawn il-prijoritajiet. Il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni fl-2022 tal-pakkett ta' riżorsi *Dritt għall-Kultura*, sostnut minn gruppi ta' fokus u żjarat ta' studju, għen biex jinfilza d-diskors tad-drittijiet fit-taħdit ta' kuljum.

> Fuq livell operattiv, il-KMA introduċa firxa ta' strumenti li sarrfu l-prinċipji tiegħu f'opportunitajiet konkreti u aċċessibbli.

Fl-2023, il-KMA nieda l-ewwel sejħa tematika tiegħu marbuta mad-Dritt għall-Kultura, li tiffoka fuq l-involviment soċjali u t-tisjis ta' prattiċi tajba mill-artisti, il-prattikanti kulturali u kreattivi u l-komunitajiet usa', biex tiffaċilita l-aċċess għad-drittijiet kulturali. Dan il-fokus tematiku poġġa fuq quddiem inizjattivi li jindirizzaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni, il-ġustizzja soċjali, id-djalogu interġenerazzjonali u r-responsabbiltà ambjentali. Fl-2025, il-KMA bena fuq dan il-momentum, u nieda uffiċjalment kampanja nazzjonali intensiva ta' għarfien dwar id-Dritt għall-Kultura u fetaħ it-tieni sejħa tematika taħt l-Iskema Appoġġ għall-Arti (f'kontinwazzjoni għall-ewwel sejħa li ħarġet fl-2024).

Flimkien ma' għajnuna għall-Premju tal-President għall-Kreattività u inizjattivi u programmi oħrajn iffokati fuq il-komunità, dawn il-miżuri sarrfu d-drittijiet kulturali f'azzjoni ċara u prattika, u affermaw mill-ġdid l-impenn tal-KMA għad-drittijiet kulturali bħala lenti strateġika.

## Kisbiet Ewlenin

Fuq livell operattiv, il-KMA introduċa firxa ta' strumenti li sarrfu l-prinċipji tiegħu f'opportunitajiet konkreti u

aċċessibbli. L-Iskema Appoġġ għall-Arti, imnedija fl-2023, ippermettiet lill-applikanti jiffinanzjaw miżuri ta' aċċessibbiltà kruċjali bħal interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali u prestazzjonijiet rilassanti, u għenet biex tegħleb l-ostakli finanzjarji li jxekklu l-prattika kulturali inklużiva. Il-Premju tal-President għall-Kreattività baqa' jsostni proġetti msejsa fuq il-komunità b'ħidma ma' gruppi vulnerabbli, u rrinforza impenn fit-tul taż-żmien mibni fuq il-valuri tal-ekwità, id-diversità, l-inklużività u s-sostenibbiltà. Maż-żmien, id-diversità u l-benesseri ntisġu fil-qalba tat-tfassil tas-sejħiet ta' finanzjament aktar milli ġew trattati bħala elementi supplimentari, u ġie żgurat li l-inklużjoni tkun parti mill-istandards tal-programmi. Internament, il-persunal irċieva taħriġ dwar l-aċċessibbiltà biex isaħħaħ il-ħila tiegħu li jfassal, jivvaluta u jissostanzja proposti permezz ta' lenti mmotivata mill-ekwità, li ssejjes l-inklużjoni fil-qalba tal-operat tal-Kunsill.


Sam Vassallo
Artista u Ġurnalista

Il-KMA laqqa' l-arti u l-benesseri permezz ta' konverżazzjonijiet u fl-2025 nieda l-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa, li għenet proġetti f'ambjent ta' kura tas-saħħa (fosthom dik mentali). Dawn l-iżviluppi firxu l-pedament għal mudell ta' Preskrizzjoni tal-Arti u sejjes b'aktar qawwa l-kultura fil-politika tal-benesseri. Bħalissa qed issir ħidma għal qafas tal-kollaborazzjoni meħtieġa biex dan jiżviluppa programm nazzjonali strutturat.

L-iżvilupp kulturali fil-komunità u l-ħidma biex jintlaħqu n-nies f'territorji differenti għamlu progress notevoli. Il-KMA sostna l-ħolqien u t-twettiq bikri tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali fost is-sitt reġjuni, laqqa' l-kunsilli reġjonali għal ippjanar konġunt u wessa' l-finanzjament ibbażat fuq ir-reġjuni, bħal ngħidu aħna permezz tal-iskema ta' Investiment għall-Organizzazzjonijiet Kulturali għal Għawdex. Il-Programm ta' Koperazzjoni Kulturali Reġjonali tal-2024 ippermetta lill-kunsilli, l-artisti u l-organizzazzjonijiet kulturali jikkummissjonaw programmi ta' diversi avvenimenti allinjati mal-prijoritajiet reġjonali u msejsa fuq il-qafas tad-Dritt għall-Kultura u l-Karta għall-Istatus tal-Artist, li jsejsu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u prinċipji msejsa fuq id-drittijiet fil-prattika lokali. Fi ħdan dan il-proċess, kien hemm kemm prijoritajiet strateġiċi komuni kif ukoll differenti, li ħtieġu li jintgħarfu biex tiġi żgurata ċ-ċarezza u l-azzjoni mmirata.

L-iżvilupp kulturali reġjonali approfondixxa ruħu aktar fl-2025 permezz tal-proġett tas-Sistemi ta' Tagħrif dwar il-Parteċipazzjoni Ġeografika (PGIS) li jinvolvi l-kunsilli reġjonali kollha, jimmappja l-assi kulturali permezz ta' proċessi mmexxija mill-komunità u jibni sies ta' evidenza komuni għall-politika u l-investiment tal-ġejjieni. F'paralleliżmu ma' dan, il-KMA wessa' l-għajnuna tiegħu għall-patrimonju kulturali intanġibbli u l-prattiċi ta' kuljum kulturali. L-Iskema għall-Wirt Artistiku u l-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Parroċċi pprovdiet investiment sostanzjali lil għaqdiet tal-festa, każini tal-banda, u għal attivitajiet marbuta mal-logħob tan-nar, it-tiżjin u l-parroċċa, u b'hekk affermat il-kultura tal-festa bħala parti mill-ekosistema nazzjonali tal-arti u tellgħet tradizzjonijiet immexxija mill-komunità fuq l-istess livell ta' forom artistiċi aktar stabbiliti, bħat-teatru, il-mużika u l-arti viżiva. Dawn l-isforzi żguraw li inizjattivi ta' politika, finanzjament u bini tal-kapaċità jirriflettu d-diversità sħiħa tal-espressjoni kulturali f'Malta u Għawdex.

## Lakuni Ewlenin

Analiżi tal-lakuni turi li waqt li l-pilastru tad-Diversità u l-Komunitajiet għamel progress qawwi, sal-2025 diversi mill-għanijiet tiegħu l-aktar ambizzjużi ntlaħqu biss parzjalment. Il-lakuna ewlenija hija marbuta mal-addozzjoni formali tad-drittijiet kulturali f'oqfsa legalment vinkolanti jew kostituzzjonali. Minkejja li l-KMA mexxa 'l quddiem ir-riċerka u l-promozzjoni, il-konsolidament legali tad-drittijiet kulturali mhijiex fil-kontroll sħiħ tal-Kunsill u għalhekk tibqa' tiddependi minn impenn politiku sostnut u bejn ministeri differenti.

In-nuqqas ta' integrazzjoni tad-drittijiet kulturali fis-sistema kulturali pubblika usa' huwa t-tieni nuqqas. Waqt li l-iskemi ta' finanzjament tal-KMA għandhom id-drittijiet u l-inklużjoni msejsa fihom, ftit hemm evidenza li l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi u organizzazzjonijiet iffinanzjati mill-istat japplikaw konsistentement governanza msejsa fuq id-drittijiet jew l-aċċessibbiltà. It-twettiq tad-drittijiet kulturali għadu irregolari u d-data dwar l-inklużjoni lil hinn mill-KMA hija skarsa.

L-iżvilupp kulturali reġjonali – minkejja li tħeġġeġ permezz ta' strateġiji stabbiliti, il-Programm ta' Koperazzjoni Kulturali Reġjonali u skemi reġjonali – għadu jdur ma' proġetti. Uffiċjali Kulturali Reġjonali għadhom mhumiex parti minn struttura stabbli bir-riżorsi kollha li ssostni l-iżvilupp ta' ħiliet speċjalizzati u fehim ċar ta' x'inhuwa l-irwol tagħhom. Sistemi tad-data bħall-PGIS u mmappjar territorjali kondiviż għadhom mhumiex lesti. Membri tal-persunal jistqarru li jħossu ambigwità fl-irwol tagħhom bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u kapaċità limitata. Xogħol kulturali transsettorjali, li jorbot il-kultura mas-saħħa, l-edukazzjoni u l-politika soċjali, iġġenera piloti promettenti, imma għadu ma evolviex fi programmi nazzjonali jew mudelli governattivi konġunti.

Sadattant, it-tkejjil tal-eżiti tad-drittijiet kulturali għadu mhux żviluppat biżżejjed. Il-KMA nieqes minn qafas ta' indikaturi kkonsolidat li jsegwi l-aċċessibbiltà, il-lakuni fil-parteċipazzjoni jew it-tqassim tal-opportunitajiet kulturali. Permezz tal-progress fl-għodod u l-għarfien, wasal iż-żmien biex dan il-pilastru tal-istrateġija jsarraf l-isforzi fundamentali tiegħu f'konsolidament sħiħ permezz tal-iżvilupp ta' approċċi aktar ċari u sistematiċi biex ikejjel l-eżiti tad-drittijiet kulturali, il-lakuni fil-parteċipazzjoni u t-tqassim tal-opportunitajiet kulturali.

# Benesseri

Il-benesseri kien prijorità ewlenija fi ħdan l-Istrateġija 2025 tal-KMA. L-Istrateġija rrikonoxxiet l-arti u l-kultura bħala kruċjali għal kwalità ta' ħajja aħjar u r-reżiljenza. Fil-qalba ta' dan l-approċċ hemm il-benesseri tal-kreattivi, b'fokus fuq it-trawwim ta' mudelli ta' prattika sostenibbli li jitbiegħdu mill-prekarjetà u jimxu lejn intrapriżi kulturali aktar stabbli, organizzati u reżiljenti. Il-prattika artistika tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-benesseri mentali, emozzjonali u soċjali, għall-komunitajiet daqskemm għall-prattikanti, u fl-istess ħin tikkomplimenta approċċi marbuta mal-kura tas-saħħa u l-komunità.

> "Il-KMA kien strumentali biex iħeġġeġ il-konverżazzjoni bejn l-arti u l-benesseri permezz ta' taħditiet mas-settur kollu...

## Kisbiet Ewlenin

Il-KMA kien strumentali biex iħeġġeġ il-konverżazzjoni bejn l-arti u l-benesseri permezz ta' taħditiet mas-settur kollu li laqqgħu lill-prattikanti kulturali, dawk involuti fil-kura tas-saħħa, u dawk li jfasslu l-politiki.

Fl-2025, dan ix-xogħol issarraf fit-tnedija tal-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa, li ssostni proġetti kulturali mwettqin fis-sistema tal-kura tas-saħħa, fosthom fil-kura komunitarja u f'ambjent marbut mas-saħħa mentali. Dawn l-inizjattivi għenu biex juru l-valur tanġibbli tal-prattika artistika fit-titjib tal-benesseri u jrawmu approċċi aktar olistiċi għas-saħħa.

Waqt li programm nazzjonali sħiħ għadu jrid jiġi żviluppat, dawn l-iżviluppi nedew pedamenti importanti għall-introduzzjoni fil-ġejjieni ta' mudell ta' Preskrizzjoni tal-Arti. Fuq livell usa', wasslu għal ċaqliqa, billi ppreżentaw il-kultura mhux biss bħala element soċjali jew kreattiv imma bħala element integrali fil-politika tal-benesseri. Permezz ta' dan, fetħu toroq ġodda għal kollaborazzjoni transsettorjali u impatt sistematiku fit-tul taż-żmien li jippromwovi mudelli ta' prattika aktar sostenibbli.

## Lakuni Ewlenin

Biex tiżgura l-integrazzjoni tal-kultura u s-saħħa b'suċċess, l-Istrateġija se tindirizza l-isfidi kurrenti. Fost dawn hemm il-ħtieġa għal twaqqif ta' task force transsettorjali (li tkopri l-kura tas-saħħa, il-kultura, l-akkademja, u l-politika pubblika) għal kordinazzjoni sostnuta; it-tfassil u s-sostenn ta' programmi tal-benesseri msejsa fuq l-arti, f'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet tas-saħħa u NGOs; u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz tal-parteċipazzjoni attiva fi pjattaformi Ewropej u globali f'konformità ma' strateġiji fuq livell tal-UE.

Ir-riċerka hija meħtieġa wkoll biex tipprowmwovi l-iżvilupp ta' programm ta' Preskrizzjoni tal-Arti, isiru valutazzjonijiet tal-impatt dokumentati li jkejlu t-titjib fil-benesseri u l-esperjenza tal-pazjent, jiġu ppubblikati regolarment rapporti dwar l-aqwa prattiċi, u jiġu vvalutati mill-ġdid Memoranda ta' Qbil mal-korpi edukattivi biex jiġu definiti sinerġiji ġodda u jimtlew lakuni fil-mogħdijiet edukattivi.



Tyrone Grima
Prattikant tat-Teatru

F'termini ta' promozzjoni, fost l-isforzi ewlenin hemm in-negozjar ta' ftehimiet ġodda li jippromwovu approċċi integrati tal-arti u s-saħħa u li jintegraw sejbiet mir-riċerka fl-ippjanar fit-tul taż-żmien għal investiment sostenibbli fl-infrastruttura kulturali, kemm fl-għarfien espert professjonali kif ukoll fid-disponibbiltà tas-servizzi u r-riżorsi. Fl-aħħar mill-aħħar, se tiġi indirizzata lakuna kritika fl-investiment pubbliku billi jiġi żgurat il-provvediment ta' investiment stabbli u sostenibbli ddedikat speċifikament għat-twettiq ta' proġetti u inizjattivi marbuta mal-arti, il-kultura, is-saħħa u l-benesseri.

# Skambju Internazzjonali

Il-pilastru tal-Internazzjonalizzazzjoni fl-Istrateġija 2025 fittex li jmur lil hinn minn wirjiet barra minn Malta minn żmien għal ieħor u minflok iwaqqaf preżenza kulturali internazzjonali għal Malta aktar strutturata u fit-tul taż-żmien. Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA għamel progress viżibbli f'diversi mill-għanijiet ewlenin tiegħu, wessa' skemi ta' mobbiltà, żgura rappreżentazzjoni ta' profil għoli fi pjattaformi internazzjonali ewlenin, approfondixxa l-parteċipazzjoni f'networks Ewropej u globali, u sal-2025 laħaq ħoloq id-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali.

## Kisbiet Ewlenin

Bejn l-2022 u l-2025, il-KMA saħħaħ b'mod sinifikanti l-preżenza kulturali internazzjonali ta' Malta. Kibru l-baġits għall-Iskambji Kulturali Internazzjonali u kibru wkoll l-iskemi marbuta mal-parteċipazzjoni internazzjonali, u b'hekk laħħqu mad-domanda dejjem tikber waqt li kull sena sostnew diversi proġetti ta' mobbiltà għal barra. Aktar artisti Maltin ippreżentaw xogħolhom f'festivals, residenzi u wirjiet internazzjonali. Fost is-suċċessi ewlenin insibu l-parteċipazzjoni ta' Malta f'biennali ewlenin: fil-Padiljun tal-Biennale ta' Venezja u l-Padiljun ta' Malta fil-London Design Biennale, li fih fl-2025 Malta rebħet midalja tad-deheb. Dawn il-kisbiet juru kif l-investiment strateġiku fir-rappreżentazzjoni jista' jtejjeb il-viżibbiltà ta' Malta u jikkonferma l-eċċellenza artistika tagħha.

Il-KMA sar ukoll kontributur attiv għall-politika kulturali Ewropea u globali. Ingaġġa ruħu f'networks bħall-EUNIC u l-IFACCA, ospita l-konferenza Compendium fil-Belt Valletta u ħa sehem fi pjattaformi internazzjonali bħall-MONDIACULT 2025 tal-UNESCO. Fl-2025, dan ix-xogħol ġie rrinfurzat strutturalment permezz tat-twaqqif tad-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali, li għandu l-għan li jikkordina r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali ta' Malta u jiżviluppa kollaborazzjonijiet iffinanzjati mill-UE bejn diversi pajjiżi.

L-internazzjonalizzazzjoni ġiet integrata wkoll f'għodod settorjali. L-Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen tnediet mill-ġdid b'baġit akbar u b'fergħa ta' internazzjonalizzazzjoni, waqt li skemi eżistenti baqgħu jsostnu l-mobbiltà u l-kollaborazzjoni. Inizjattivi ffinanzjati mill-UE, fosthom il-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa u s-Sejħa Miftuħa għall-Global Connect, rabtu x-xogħol internazzjonali ma' prijoritajiet usa' bħall-benesseri, is-sostenibbiltà u d-drittijiet kulturali.



**Nikolai Azzopardi**
**Produttur tat-Teatru**

Il-KMA kompla jgħolli l-preżenza ta' Malta billi fl-2022 ikkordina l-laqgħat dwar il-punti fokali tal-EUNIC u fl-2025 ospita delegazzjonijiet internazzjonali, fosthom l-Alleanza Ewropea tal-Akkademja. Riżultati minn stħarriġ fost il-persunal jikkonfermaw li l-internazzjonalizzazzjoni tqieset b'mod wiesa' bħala wieħed mill-pilastri li l-aktar kiseb riżultati. Evidentement kien hemm aktar mobbiltà mill-artisti, u tkabbret il-viżibbiltà ta' Malta lil hinn mix-xtut Maltin waqt li wkoll inħolqu sħubijiet strateġiċi sinifikanti. Il-persunal ġibed l-attenzjoni wkoll dwar il-bidu ta' konverżazzjonijiet marbuta mal-infrastruttura tal-esportazzjoni kulturali fit-tul taż-żmien, bħall-proposta ta' Uffiċċju għall-Esportazzjoni tal-Arti u l-Kultura. Madankollu, il-persunal tefa' wkoll dawl fuq l-isfidi, fosthom il-kapaċità limitata tal-komunikazzjoni

> "L-evidenza tal-eżiti hija robusta: żdied il-finanzjament għall-iskemi ta' mobbiltà, it-tours, ir-residenzi u l-iskambji, padiljuni nazzjonali rinomati...

u d-devjazzjoni minn żmien għal żmien tal-membri tal-persunal marbuta mal-internazzjonalizzazzjoni lejn avvenimenti lokali, li tirrestrinġi l-impatt sħiħ tax-xogħol li jħares 'il barra.

## Lakuni Ewlenin

Tqabbil bejn l-għanijiet tal-Istrateġija 2025 u r-riżultati miksuba juri li l-pilastru tal-Internazzjonalizzazzjoni kiseb suċċess fit-twettiq tal-mobbiltà u fil-provvediment ta' opportunitajiet ta' wirjiet imma ma kisibx daqstant suċċess fil-bini ta' ekosistema kulturali internazzjonali koerenti.

L-evidenza tal-eżiti hija robusta: żdied il-finanzjament għall-iskemi ta' mobbiltà, it-tours, ir-residenzi u l-iskambji, padiljuni nazzjonali rinomati, l-involviment f'networks Ewropej, u fl-2025 twaqqaf id-Direttorat tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali. Madankollu, meta d-dokumentazzjoni dwar eżiti f'aktar tul taż-żmien titqabbel ma' dik preċedenti, din hija pjuttost skarsa. Id-data dwar jekk proġetti internazzjonali ffinanzjati mill-KMA jwasslux għal aktar stediniet, koproduzzjonijiet, qbil dwar distribuzzjoni, rappreżentazzjoni minn aġenziji jew sħubijiet istituzzjonali sostnuti hija limitata. Is-segwiment tal-eżiti jibqa' fil-biċċa l-kbira tiegħu aneddotali u speċifiku għall-proġetti, u għalhekk huwa diffiċli li tivvaluta jekk il-viżibbiltà f'terminu qasir hijiex tissarraf fi żvilupp fil-karriera jew tkabbir fl-esportazzjoni kulturali fit-tul taż-żmien.

Waqt li l-Istrateġija 2025 kellha l-għan li twessa' l-parteċipazzjoni, il-benefiċjarji, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jibqgħu artisti u organizzazzjonijiet professjonali b'networks eżistenti. Ftit jeżisti rapportar dwar parteċipazzjoni minn artisti b'diżabbiltà, artisti bi sfond migratorju, gruppi komunitarji jew prattikanti li jużaw il-lingwa Maltija. Lanqas jeżistu rapporti dwar sforzi biex jingħelbu l-ostakli bħal restrizzjonijiet minħabba l-visa jew sfidi marbuta mal-likwidità.

Internament, minkejja li d-direttorat il-ġdid u strumenti ta' investiment aktar ċari juru progress, il-persunal għadu jirrapporta ambigwità fl-irwol, tiġbid żejjed u diviżjoni mhux ċara tar-responsabbiltajiet bejn il-KMA, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, id-Direttorat għall-Kultura u l-missjonijiet diplomatiċi.

It-tagħlim, l-evalwazzjoni, u s-sistemi tat-tkejjil għadhom mhumiex żviluppati biżżejjed. Il-KMA nieqes minn indikaturi konsolidati biex isegwi kemm intlaħqu nies ġeografikament, l-ekwità, ir-reżiljenza tal-isħubijiet jew id-diversifikazzjoni tad-dħul. Mingħajr data bħal din, l-internazzjonalizzazzjoni tirriskja li tibqa' marbuta ma' opportunitajiet minflok tiġi ggwidata strateġikament. Ta' min ukoll jiġbed l-attenzjoni li sa issa, ħafna mill-isforzi u r-riżorsi ddedikati għall-internazzjonalizzazzjoni ffokaw fuq l-arti viżiva u ċerti forom ta' arti performattiva, u għalhekk jenħtieġ aktar sostenn għal dixxiplini oħra jew għall-iżvilupp intraprenditorjali ġenerali fost l-operaturi kreattivi lokali. Barra minn hekk, għandu jiġi indirizzat in-nuqqas ta' azzjoni għall-benefiċċju ta' missjonijiet ta' negozju għas-setturi kollha u inizjattivi simili.



Cliff Zammit Stevens
Tenur

Fost dawn l-iżviluppi, hemm evidenza ta' tkabbir tal-għarfien espert, twessigħ tan-networks u suċċess ta' profil għoli. F'paralleliżmu ma' dan, hemm ħtieġa ċara għal bini tal-kapaċità u titjib fl-organizzazzjoni strateġika biex irawmu aħjar il-ħiliet li jtejbu s-settur kif ukoll għal opportunitajiet li jistgħu jitwieżnu minn finanzjament tal-UE u integrazzjoni bejn pilastri differenti. Miżuri bħal dawn jistgħu jsostnu l-iżvilupp u t-tkabbir intraprenditorjali lil hinn minn Malta u Għawdex, waqt li jagħmlu tajjeb għall-inċertezza internazzjonali u jsostnu eċċellenza fl-għarfien espert meħtieġ u fil-wirjiet kulturali previsti.

Waqt li tkompli tibni fuq dan is-sies, fil-futur din il-fergħa se tfittex li ssaħħaħ aktar ix-xogħol kulturali ta' Malta b'attenzjoni aktar mill-qrib fuq ir-reġjun Ewro-Mediterranju u lil hinn. Permezz ta' diplomazija kulturali proattiva, se tfittex sħubijiet strateġiċi li jrawmu ħolqien kollaborattiv, titjib tal-ħiliet professjonali u skambju tal-għarfien, waqt li tippromwovi prattiċi kulturali sostenibbli. Id-Direttorat se jipprijoritizza wkoll networking imsaħħaħ fost is-setturi kulturali u kreattivi u li l-artisti Maltin u l-inizjattivi kulturali jkollhom vetrina internazzjonali, li tiżgura li l-preżenza kulturali ta' Malta mhux biss tkun aktar viżibbli, imma wkoll aktar konnessa, reżiljenti, u li tħalli impatt akbar fuq l-istadju internazzjonali.

# Azzjonijiet Strateġiċi

# Prattiċi Ġusti

| Numru tal-Azzjoni<br>**Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 01<br>**Kollaborazzjoni** | Ħidma mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati settorjali biex jiġu żviluppati u kkordinati sħubijiet, kollaborazzjonijiet u inizjattivi konġunti li jiffaċilitaw it-twettiq tal-istrateġija u l-kisba tal-għanijiet. | Kordinazzjoni ta' sessjonijiet għal koperazzjoni u kollaborazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi. |
| 02<br>**Promozzjoni** | Integrazzjoni u tixrid tal-prinċipji tal-Karta għall-Istatus tal-Artist mal-isħab u l-partijiet ikkonċernati. | Għoti ta' pariri lill-Gvern ċentrali, permezz ta' komunikazzjoni mal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali, biex jiddaħħlu l-prinċipji tal-Karta għall-Istatus tal-Artist. |
| 03<br>**Kollaborazzjoni** | Twaqqif ta' sħubijiet ma' entitajiet iffokati fuq it-teknoloġija biex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali, isostnu ottimizzazzjoni amministrattiva u jiffaċilitaw titjib fil-ħiliet marbuta mal-kompetenzi diġitali u ta' data, taħt oqfsa ċari ta' governanza etika. | Twaqqif ta' sħubijiet mal-MITA u l-MDIA, f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-IA biex jiġi żviluppat programm li jsaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali, jixpruna addozzjoni responsabbli u jsostni lill-prattikanti u l-organizzazzjonijiet biex jieħdu kemm jistgħu mill-użu strateġiku u etiku tat-teknoloġiji diġitali. |
| 04<br>**Kollaborazzjoni** | Ħidma ma' partijiet ikkonċernati ewlenin fl-edukazzjoni u l-intrapriża dwar l-iżvilupp professjonali, speċjalment fl-oqsma tat-titjib tal-ħiliet u l-iżvilupp tan-negozju. Mhux biss permezz ta' investiment immirat iżda wkoll permezz ta' ppjanar strateġiku u twaqqif ta' opportunitajiet ta' taħriġ u networking. | Żvilupp u kordinazzjoni ta' programm strutturat ta' finanzjament immirat, taħriġ imfassal mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u provvediment ta' inizjattivi ta' networking f'konformità mat-titjib ta' ħiliet identifikati u l-ħtiġijiet ta' żvilupp tan-negozju. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 05 **Promozzjoni** | Titjib fl-arranġamenti fiskali għall-prattikanti kreattivi biex titjieb is-sostenibbiltà professjonali tagħhom. | Jitwaqqaf tragward biex jinħoloq għarfien u ssir promozzjoni dwar miżuri fiskali għall-operaturi kulturali, fosthom il-limitu ta' eżenzjoni mill-VAT li bħalissa huwa ta' €35,000, it-tnaqqis mit-taxxa ta' 150% fuq donazzjonijiet lill-kultura minn negozji privati, u r-rata mnaqqsa tat-taxxa ta' 7.5% fuq l-ewwel €50,000 ta' profitt nett, u l-iskemi ta' rtirar u pensjoni. |
| 06 **Riċerka** | Riċerka dwar l-impatt tal-IA fuq is-settur kulturali biex jitkabbru kemm jistgħu l-opportunitajiet, jitnaqqsu r-riskji u jiġu promossi politiki trasparenti u t-taħriġ għall-operaturi kulturali. | Kollaborazzjoni ma' sħab nazzjonali u internazzjonali biex jitwaqqfu standards etiċi dwar l-użu tal-IA fis-settur kulturali, fosthom is-salvagwardji etiċi u legali biex jitħarsu l-proprjetà intellettwali u x-xogħol tal-awturi. |
| 07 **Riċerka** | Riċerka dwar l-iżvilupp ta' qafas ta' politika ekoloġika definita għas-settur tal-arti u l-kultura, bil-għan li jikber l-għarfien, tinbena kapaċità u jissostna t-twettiq effettiv. | Riċerka, żvilupp u twettiq ta' politika ekoloġika, f'konformità mal-politika ambjentali tal-UE, u jinħolqu strateġiji ta' sostenibbiltà kulturali biex jittejbu l-għarfien u l-prattiċi tajba. |
| 08 **Investiment Pubbliku** | Razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċessi ta' finanzjament biex isiru aktar aċċessibbli u jeħtieġu anqas riżorsi. | Monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi dwar l-effettività tal-programmi kollha ta' investiment u l-inizjattivi strateġiċi. |
| 09 **Promozzjoni** | Ħolqien ta' għarfien dwar mudelli ta' investiment alternattiv li jsostni tkabbir sostenibbli, fosthom titjib ta' inċentivi għal negozji privati li jridu jinvestu fis-settur, kif ukoll żieda fl-ingaġġar u l-parteċipazzjoni mill-pubbliku ġenerali. | Żieda ta' promozzjoni għal investiment filantropiku u investiment privat usa' fis-setturi kulturali u kreattivi, mibnija fuq l-esperjenzi ta' inizjattivi preċedenti. Għoti ta' inċentivi lill-investiment privat u rikonoxximent ta' sħubijiet b'saħħithom bejn is-settur pubbliku u privat, waqt li tibqa' għaddejja l-promozzjoni għal aktar involviment mill-pubbliku ġenerali. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 10 **Promozzjoni** | Fil-proċessi tal-KMA, f'konformità mal-Karta għall-Istatus tal-Artist, għandhom jitpoġġew fuq il-mejda riformi legali usa' dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti f'kollaborazzjoni ma' rappreżentanti tas-settur. | Ħidma ma' partijiet ikkonċernati settorjali u l-Gvern lokali biex jiġi esplorat l-allinjament tal-prattiċi mal-Karta għall-Istatus tal-Artist. |
| 11 **Żvilupp u Appoġġ** | Għoti ta' kontribut attiv għat-Task Force tal-iSTEAM biex tissostna l-integrazzjoni tal-arti bħala pilastru edukattiv ewlieni. | Bini fuq x'sar diġà f'dan ir-rigward għal kontribuzzjoni lejn Task Force tal-iSTEAM u promozzjoni ta' kollaborazzjoni interministerjali. |
| 12 **Riċerka** | Kontinwazzjoni ta' appoġġ għal riċerka dwar il-Parteċipazzjoni Kulturali u l-Prattika Kreattiva. Twettiq ta' riċerka skont xejriet u mudelli internazzjonali marbuta mal-politika kulturali, f'kollaborazzjoni mal-Compendium for Cultural Policies and Trends. | Kontinwazzjoni ta' riċerka dwar l-iżvilupp tal-udjenza, kif ukoll twettiq ta' aktar riċerka fil-Compendium for Cultural Policies and Trends. |
| 13 **Riċerka** | Ġbir ta' rispons kontinwu mill-artisti biex tinżamm linja ħajja ta' komunikazzjoni u tiġi żgurata ċarezza dwar ix-xejriet settorjali u l-oqsma li jeħtieġu titjib. | Ġbir ta' rispons kontinwu mill-artisti dwar il-perċezzjoni ta' ġustizzja u appoġġ fi ħdan is-settur, permezz ta' stħarriġ u konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, fosthom b'inizjattivi bħall-Grupp ta' Ħidma Settorjali. |
| 14 **Riċerka** | Reviżjoni u esplorazzjoni ta' opportunitajiet kollaborattivi ġodda ma' korpi edukattivi biex jiġu definiti sinerġiji ġodda u miri komuni, u biex jimtlew il-lakuni fil-mogħdijiet edukattivi. | Kontinwazzjoni ta' sostenn għal attivitajiet fl-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi. |
| 15 **Riċerka** | Ħolqien ta' riċerka lonġitudinali biex jiġu mfassla l-infrastrutturi "materjali" u "immaterjali" u jiġi evalwat l-impatt ekonomiku tal-industriji kulturali u kreattivi f'Malta u Għawdex. | Segwiment tal-indikaturi ekonomiċi ewlenin, bħall-impjieg, il-kontribuzzjoni għall-PDG u l-flussi ta' investiment, kif ukoll tal-produzzjoni kulturali u l-metriċi tal-parteċipazzjoni. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 16 **Riċerka** | Twettiq ta' analiżi sħiħa tal-lakuni fil-ħiliet fil-katina ta' valur tal-produzzjoni tal-films, u twaqqif u żamma ta' database uffiċjali tal-films nazzjonali li jiddokumentaw il-produzzjonijiet Maltin tal-imgħoddi u l-ġejjieni, il-koproduzzjonijiet u l-kumpaniji industrijali. | Fokus fuq il-produzzjoni tal-films lokali biex tinħoloq database tal-produzzjoni tal-films f'Malta, u żieda ta' prattiċi ġusti bit-twettiq ta' analiżi dwar il-lakuni fil-ħiliet fil-katina ta' valur tal-produzzjoni tal-films. |
| 17 **Riċerka** | Riċerka dwar il-lakuni fil-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ. | Sostenn ta' inizjattivi edukattivi u dwar taħriġ u temi identifikati mir-riċerka. Twettiq ta' studji ffokati fuq temi bħat-trasformazzjoni diġitali, l-edukazzjoni tal-arti, il-mobbiltà internazzjonali u s-sostenibbiltà tal-karriera, biex jindirizzaw lakuni fid-data lokali marbuta mal-iżvilupp professjonali fi ħdan l-industriji kulturali u kreattivi. L-għan huwa li jissostnew ir-reżiljenza u l-bini tal-kapaċità settorjali fit-tul taż-żmien. Dan jinkludi wkoll aktar riċerka dwar il-fattibbiltà ta' Akkademja Nazzjonali tal-Arti Viżiva u Performattiva. |
| 18 **Żvilupp u Appoġġ** | Żvilupp ta' reġistru ta' talent u intrapriżi biex jissaħħu l-viżibbiltà u n-networking. | Ħidma fuq l-iżvilupp ta' reġistru u database infurmata. |
| 19 **Riċerka** | Twettiq ta' riċerka regolari u kumpilazzjoni ta' ġbir ta' data dwar ix-xejriet settorjali, l-iżvilupp tal-udjenza u l-impatt ekonomiku biex jissostna l-ippjanar strateġiku. | Tisħiħ tal-approċċi għar-riċerka eżistenti u żvilupp ta' approċċi ġodda biex jitwessa' l-għarfien dwar is-setturi kreattivi u kulturali, b'fokus partikolari dwar prattiċi ġodda, l-ingaġġar tal-udjenza u l-eżiti ekonomiċi. |
| 20 **Riċerka** | Riċerka dwar il-prattiċi ġusti għall-prattikanti u l-użu tal-ispazju għal prestazzjonijiet artistiċi. | Reviżjoni sħiħa tal-infrastruttura kulturali ta' Malta, fosthom il-faċilitajiet, l-oqfsa amministrattivi, il-kuntest legali u s-sistemi ta' appoġġ istituzzjonali. Identifikazzjoni tal-ostakli u l-imblokki li jxekklu l-aċċess għall-prattikanti kreattivi mill-infrastruttura lokali u reġjonali eżistenti. |

# Komunità u Inklużjoni

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 21 **Riċerka** | Riċerka kontinwa għal identifikazzjoni ta' ostakli u għal promozzjoni ta' prattiċi msejsa fuq l-evidenza dwar l-inklużività u l-aċċessibbiltà għas-settur kollu. | Wara eżerċizzju ta' riċerka dwar il-profil, jinħoloq pjan ta' azzjoni għas-settur kollu li jgħarraf dwar il-prattiċi tal-inklużjoni u l-aċċessibbiltà. |
| 22 **Kollaborazzjoni** | Ingaġġar ma' mexxejja tal-komunità reġjonali biex jiġu identifikati opportunitajiet kollaborattivi li jsostnu twettiq effettiv u sostenibbli tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali, b'attenzjoni partikolari fuq it-tħejjija tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura Victoria 2031. | Trawwim ta' kollaborazzjoni bejn il-komunitajiet permezz tal-kunsilli lokali u reġjonali, imsejjes fuq l-Istrateġiji Kulturali Reġjonali ppubblikati. Matul il-proċess, jiġu riveduti u aġġornati l-istrateġiji biex jirriflettu l-ħtiġijiet emerġenti speċifiċi għar-reġjun u l-prijoritajiet għal finanzjament u jittellgħu konsultazzjonijiet biex isostnu inizjattivi artistiċi lokali fi ħdan ambjent ta' komunità diversa u inklużiva. |
| 23 **Kollaborazzjoni** | Ingaġġar ma' professjonisti kreattivi u volontiera fil-komunità. | Ingaġġar ma' professjonisti kreattivi u volontiera fil-komunità, biex tissaħħaħ il-missjoni tal-istrateġija li toffri pont bejn il-passjoni u l-professjoni permezz ta' inizjattivi ta' qsim ta' għarfien u kollaborazzjoni. |
| 24 **Riċerka** | Promozzjoni ta' riċerka u investiment fil-patrimonju kulturali intanġibbli. | Identifikazzjoni, mid-data disponibbli kollha dwar il-patrimonju kulturali intanġibbli, tal-oqsma li jeħtieġu l-akbar attenzjoni f'termini ta' prattiċi inklużivi flimkien mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Ħidma mal-atturi ewlenin biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni permezz ta' inizjattivi ġodda ta' riċerka u programmi li joħolqu għarfien u jissalvagwardjaw dawn il-prattiċi. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 25 **Żvilupp u Appoġġ** | Indirizzar tad-drittijiet kulturali, id-diversità u l-koeżjoni territorjali bit-tnedija tal-proġett PGIS. | Tnedija u żamma tal-proġett PGIS u pjattaforma diġitali biex timmappja u tippreserva l-assi kulturali ta' Malta, waqt li jiġu emanċipati gruppi emarġinati biex jiġu rikonoxxuti aħjar fi ħdan l-ekoloġija kulturali reġjonali. |
| 26 **Żvilupp u Appoġġ** | Sostenn għal inizjattivi mmexxija mill-komunità, fosthom attivitajiet parrokkjali, festivals, festi u prattiċi artistiċi lokali, b'mod li jiġu integrati fl-ekosistema tal-arti nazzjonali. Emanċipazzjoni tal-prattiċi kreattivi li jirriflettu d-diversità kulturali tal-komunitajiet fost lokalitajiet differenti biex jirċievu r-rikonoxximent, l-attenzjoni u l-integrazzjoni mistħoqqa. | Żvilupp u twettiq ta' inizjattivi li jagħtu spinta lill-investiment fl-identifikazzjoni, is-sostenn u t-trawwim tat-talent fi ħdan il-komunitajiet lokali, biex jiġi żgurat li l-potenzjal kreattiv jiġi rikonoxxut, jingħata valur u jiġi integrat fil-programmi kulturali usa', waqt li tiġi riflessa s-sinerġija bejn l-esperjenzi kulturali tradizzjonali u kontemporanji u jintefa' dawl fuq id-diversità li teżisti fil-lokalitajiet bħalissa. |
| 27 **Żvilupp u Appoġġ** | Investiment f'inizjattivi kulturali mmexxija mill-komunità li jissalvagwardjaw tradizzjonijiet lokali waqt li jsostnu espressjonijiet kulturali emerġenti u diversi, u tisħiħ tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni f'livell lokali. | Kontinwazzjoni ta' żvilupp ta' inizjattivi li jissalvagwardjaw u jemanċipaw il-proġetti komunitarji lokali, li jsostnu kemm il-prattiċi tradizzjonali kif ukoll ir-realtajiet emerġenti, diversi, kulturali u etniċi, biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-kontinwità kulturali. |
| 28 **Investiment Pubbliku** | Żgurar li l-interfaċċji online tal-KMA huma disponibbli u aċċessibbli bil-Malti. | Żvilupp u tisħiħ tal-interfaċċji online tal-KMA biex isostnu u jippromwovu l-lingwa Maltija. |
| 29 **Investiment Pubbliku** | Żvilupp ta' mogħdijiet ta' finanzjament immirati għal gruppi sottorappreżentati, biex jitnaqqsu l-ostakli strutturali għall-aċċess u t-trawwim ta' ingaġġar kulturali inklużiv fost komunitajiet u realtajiet soċjali differenti. | Simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament permezz ta' aċċess aktar faċli għall-iskemi eżistenti u introduzzjoni ta' proċessi ta' applikazzjoni u rappurtar aktar ċari u proporzjonali biex jittaffa l-piż amministrattiv u tissaħħaħ l-aċċessibbiltà. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 30 **Żvilupp u Appoġġ** | Żvilupp ta' strateġiji u inizjattivi pilota li jagħtu aċċess adegwat għal spazji miftuħa għall-prattika, il-prestazzjoni, u t-taħriġ marbuta mal-arti kif ukoll għall-involviment tal-udjenza. | Esplorazzjoni għal inizjattivi li jsostnu investiment akbar fl-ispazji għall-prestazzjonijiet u l-aċċess għalihom. |
| 31 **Żvilupp u Appoġġ** | Żvilupp ta' inkubatur għall-intrapriża kreattiva. | Esplorazzjoni permezz tar-riċerka u proġetti pilota, mekkaniżmi ġodda li jsostnu s-settur, fosthom programm ta' inkubazzjoni kulturali, mudelli ta' finanzjament innovattivi u t-twaqqif tal-Film Hub tal-KMA. |

# Benesseri

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 32 **Kollaborazzjoni** | Twaqqif ta' task force transsettorjali dedikata magħmula minn rappreżentanti mis-setturi tal-kura tas-saħħa, il-kultura, l-akkademja, u l-politika pubblika, kif ukoll minn prattikanti li jaħdmu fl-intersezzjoni bejn l-arti u s-saħħa biex jiġu żgurati kordinazzjoni, allinjament u kollaborazzjoni sostnuti fit-tul taż-żmien. | Twaqqif ta' inizjattivi transsettorjali strateġiċi li jippermettu approċċ ta' kultura u saħħa lejn il-benesseri. Żvilupp akbar tax-xogħol li diġà sar fil-pedamenti ta' dan il-qasam. Kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' saħħa, NGOs u prattikanti biex jitfasslu u jiġu sostnuti programmi tal-benesseri msejsa fuq l-arti għall-benesseri u inizjattivi marbuta mal-litteriżmu kulturali. |
| 33 **Riċerka** | Promozzjoni tal-iżvilupp ta' programm ta' Preskrizzjoni tal-Arti permezz ta' kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet tal-arti u oħrajn f'oqsma oħra. | Aktar riċerka, lokalment u internazzjonalment, għal esplorazzjoni tal-aqwa prattiċi dwar l-applikazzjoni tal-arti fi programmi ta' preskrizzjoni. |
| 34 **Kollaborazzjoni** | Kollaborazzjoni ma' pjattaformi globali dwar il-kultura u s-saħħa biex jitmexxew 'il quddiem miri strateġiċi u sostenn għat-twettiq. | Bini ta' aktar kollaborazzjoni permezz ta' parteċipazzjoni attiva fi pjattaformi, skambji u sħubijiet Ewropej u globali. Kontinwazzjoni ta' allinjament ma' strateġiji fuq livell Ewropew waqt li jitwessgħu networks, il-qsim tal-għarfien u l-kontribut għal inizjattivi tal-UE kollha. |
| 35 **Promozzjoni** | Negozjar ta' ftehimiet ġodda fi ħdan is-settur u lil hinn, li jippromwovu eżiti ta' integrazzjoni bejn il-kultura u s-saħħa. | Ħidma mas-setturi pubbliċi u privati għal promozzjoni dwar l-importanza tas-sinerġiji bejn il-kultura u s-saħħa u l-impatt pożittiv tagħhom fuq il-benesseri soċjali fi ħdan u lil hinn mis-settur tal-arti kreattiva. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 36 **Investiment Pubbliku** | Żgurar ta' provvediment ta' finanzjament stabbli u sostenibbli għat-twettiq ta' inizjattivi marbuta mal-kultura u s-saħħa, biex isostni l-iżvilupp u t-twettiq ta' proġetti u inizjattivi marbuta mal-arti u s-saħħa. | Appoġġ permezz ta' sorsi ta' finanzjament alternattivi għat-twettiq ta' proġetti marbutin mal-kultura u s-saħħa li jippromwovu kultura ta' kura. |
| 37 **Riċerka** | Dokumentazzjoni ta' valutazzjoni tal-impatt li tkejjel it-titjib fil-benesseri, l-inklużjoni soċjali u l-esperjenza tal-klijenti permezz ta' interventi artistiċi. | Żvilupp ta' riċerka dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-interventi artistiċi u pubblikazzjoni regolari ta' rapporti u/jew każijiet ta' studju li jitfgħu dawl fuq l-aqwa prattiċi u l-eżiti minn kollaborazzjonijiet bejn il-kultura u s-saħħa. |
| 38 **Promozzjoni** | Infilzar tas-sejbiet fl-ippjanar fit-tul taż-żmien għal investiment sostenibbli fl-infrastruttura kulturali materjali u immaterjali. | Bini fuq ir-riċerka rrakkomandata fl-infrastruttura kulturali, b'fokus fuq l-użu tal-ispazju u l-prattiċi ġusti, għal promozzjoni dwar il-valur soċjali li għandhom faċilitajiet xierqa. |

# Skambju Internazzjonali

| Numru tal-Azzjoni<br>**Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 39<br>**Promozzjoni** | Twaqqif ta' rappreżentanti kulturali strateġiċi fi ħdan l-Ewropa u lil hinn biex jippromwovu d-diplomazija kulturali, l-aċċess globali u l-viżibbiltà. | Ħatriet ta' Rappreżentanti Kulturali Internazzjonali f'reġjuni ewlenin, bir-Renju Unit u l-Istati Uniti jkunu prijorità, biex jiġu promossi l-aċċess globali, il-viżibbiltà u d-diplomazija kulturali strateġika. Kull missjoni tallinja ruħha mal-istrateġija tal-KMA u kull sena tirrapporta dwar l-impatt li ħalliet, u tippożizzjona lil Malta bħala kontributur attiv fid-diskussjonijiet dwar politiki fl-Ewropa u lil hinn. |
| 40<br>**Żvilupp u Appoġġ** | Sostenn għax-xogħlijiet preżenti f'festivals kontinentali ewlenin. | Sostenn immirat għal kreattivi Maltin biex jingaġġaw ma' festivals internazzjonali, fosthom fit-taħriġ, il-bini tal-kapaċità, in-networking, u opportunitajiet ta' wiri. |
| 41<br>**Investiment Pubbliku** | Żvilupp akbar fl-investiment pubbliku għal parteċipazzjoni internazzjonali. | Aktar sostenn għall-internazzjonalizzazzjoni billi jitwessgħu skemi ta' finanzjament eżistenti, waqt li jiġu esplorati modi ġodda ta' investiment għal pjattaformi u opportunitajiet internazzjonali. |
| 42<br>**Kollaborazzjoni** | Wiri u promozzjoni tal-eċċellenza artistika Maltija. | Kurazzjoni ta' wirjiet ta' talent nazzjonali għal expos internazzjonali ewlenin, li titfa' dawl fuq l-eċċellenza artistika u kulturali ta' Malta, promozzjoni tal-prattiċi sostenibbli, networking professjonali u ingaġġar pubbliku barra minn Malta. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 43 **Kollaborazzjoni** | Promozzjoni ta' aktar kollaborazzjoni fin-networks globali. Twessigħ tal-preżenza ta' Malta fin-networks kulturali globali u reġjonali, żieda fl-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-kreattivi u wiri tax-xogħol Malti barra minn Malta. | Kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni f'networks globali u twaqqif ta' sħubijiet ġodda. Żvilupp ta' sħubijiet u residenzi reċiproki fi ħdan iċ-ċentri artistiċi u kulturali fl-Ewropa u reġjuni strateġiċi oħra. |
| 44 **Kollaborazzjoni** | Trawwim ta' kollaborazzjoni transsettorjali ma' aġenti u operaturi turistiċi. | Sostenn ta' sħubijiet transsettorjali strateġiċi biex jippromwovu lil Malta bħala ċentru ta' eċċellenza kulturali u artistika fir-reġjun Ewro-Mediterranju. |
| 45 **Żvilupp u Appoġġ** | Sostenn kontinwu għal programmi ta' mobbiltà għall-artisti. | Sostenn simplifikat għal mobbiltà u finanzjament għall-kreattivi Maltin biex jipparteċipaw f'opportunitajiet internazzjonali, waqt li jiġu żgurati proċessi ġusti u aċċessibbli. |

# Faċilitaturi Operattivi

| Numru tal-Azzjoni<br>**Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 46<br>**Investiment Pubbliku** | Valutazzjoni kontinwa dwar l-effettività tal-programmi ta' finanzjament kollha u l-inizjattivi strateġiċi, fosthom kunsiderazzjonijiet fil-futur ta' modi ġodda ta' investiment li jinkorporaw fond ta' emerġenza għall-arti f'każ ta' kriżi. | Studji ta' valutazzjoni li jiffokaw fuq eżiti li jżidu l-valur, relevanza settorjali, u allinjament mal-prinċipji tal-KMA dwar id-drittijiet kulturali u l-ekwità f'xenarji differenti. |
| 47<br>**Żvilupp u Appoġġ** | Simplifikazzjoni ta' proċeduri interni u infrastruttura diġitali. | Prijoritizzazzjoni tal-iżvilupp organizzattiv b'simplifikazzjoni tal-proċeduri, titjib fil-ġbir ta' data, assi diġitali u allinjament tal-persunal u l-baġits mal-prijoritajiet strateġiċi. |
| 48<br>**Żvilupp u Appoġġ** | Ħidma fuq l-iżvilupp tal-politika tal-KMA dwar l-IA u s-Sigurtà Ċibernetika. | Żvilupp u twettiq tal-politika tal-KMA dwar l-IA u s-Sigurtà Ċibernetika biex jiġi żgurat l-użu etiku, trasparenti u innovattiv tal-IA fost is-setturi kulturali u kreattivi u fi ħdan il-proċessi interni tal-KMA. |
| 49<br>**Żvilupp u Appoġġ** | Sostenn tal-iżvilupp u t-twettiq tal-għanijiet strateġiċi. | Investiment f'firxa usa' ta' esperti esterni, fis-settur kreattiv u lil hinn, biex jissostnew l-iżvilupp u t-twettiq tal-għanijiet strateġiċi. |
| 50<br>**Żvilupp u Appoġġ** | Żvilupp ta' komunikazzjoni biex tiġi żgurata informazzjoni simplifikata. | Investiment akbar f'qafas li jiżgura t-trażmissjoni effettiva tal-informazzjoni li hija aktar simplifikata, kanali ta' komunikazzjoni għall-partijiet ikkonċernati aktar aċċessibbli, biex ikunu f'kuntatt u mgħarrfa dwar l-inizjattivi kollha. |

| Numru tal-Azzjoni **Qasam Strateġiku** | **Azzjoni** | **Sostenn tal-Azzjonijiet** |
|---|---|---|
| 51 **Promozzjoni** | F'konformità mal-Premju għall-Arti, tnedija ta' programm b'marka ta' kwalità li jirrikonoxxi u jiċċertifika operaturi kulturali li juru eċċellenza fil-prattiċi soċjali, ekonomiċi, artistiċi, innovattivi u dawk xprunati mir-riċerka. | Kontinwazzjoni ta' bini fuq ix-xogħol li sar permezz tal-Premju għall-Arti bħala ċelebrazzjoni tal-prattika tajba u l-eċċellenza, riċerka u valutazzjoni tal-impatt dwar it-twettiq tal-programm b'marka ta' kwalità tal-KMA, b'fokus fuq l-irwol tiegħu li jemanċipa u jirrikonoxxi xogħol eċċezzjonali. Dan għandu jiġi segwit minn promozzjoni tal-programm fost il-partijiet ikkonċernati. |
| 52 **Żvilupp u Appoġġ** | Indirizzar tal-lakuni fil-ħiliet u l-kapaċità fi ħdan il-persunal tal-KMA, waqt li jiġi promoss il-benesseri ġenerali tal-persunal. | Provvediment ta' servizzi ta' sostenn għal żvilupp immirat, imsejsa fuq data u riċerka settorjali. Dan is-sostenn jinkludi taħriġ, mentoraġġ, u riżorsi li jindirizzaw lakuni identifikati fil-ħiliet u l-kapaċità fost il-persunal tal-KMA, biex itejjeb l-għarfien espert, opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali u l-benesseri ġenerali tal-persunal. |
| 53 **Investiment Pubbliku** | Tisħiħ tal-finanzjament għal riċerka u twettiq ta' soluzzjonijiet bl-IA li jissimplifikaw u jtejbu l-proċessi ta' finanzjament. | Allokazzjoni ta' finanzjament biex titmexxa 'l quddiem simplifikazzjoni tal-proċessi tal-investiment xprunata mill-IA, fosthom permezz ta' assistent tal-IA, biex jissimplifika l-applikazzjonijiet, jawtomatizza l-kontrolli tal-konformità u jtejjeb b'mod ġenerali l-esperjenza tal-utenti. |
| 54 **Żvilupp u Appoġġ** | Tisħiħ tal-governanza u l-amministrazzjoni ta' skemi ta' finanzjament stabbiliti u oħrajn li għadhom kemm ġew ikkunsidrati. | Sostenn għall-produzzjoni, distribuzzjoni u evalwazzjoni bejn il-pari tal-proġetti ffinanzjati fl-iskemi kollha. |
| 55 **Żvilupp u Appoġġ** | Implimentazzjoni tal-aħħar għodod diġitali għal titjib tal-aċċess għall-kontenut u r-riżorsi disponibbli. | Implimentazzjoni ta' għodod diġitali biex jissimplifikaw proċessi, titjieb il-ġestjoni tad-data, u tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tas-servizz. Dan jinkludi d-diġitalizzazzjoni tad-dokumentazzjoni storika tal-KMA biex jitwaqqaf arkivju online li jippermetti tfittxijiet u li jippreserva l-memorja istituzzjonali u l-patrimonju kulturali. |

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

**Kunsill Malti għall-Arti**
TG Complex Suite 1, Level 1
Triq il-Birrerija, Zone 3
Central Business District
Birkirkara, CBD 3040

+356 2334 7201/02
info@artscouncil.mt
**artscouncilmalta.gov.mt**